



Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7613/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0081(COD)

COMPET 242
IND 128
MI 219
BETREG 3
DIGIT 45
ECOFIN 266
EDUC 101
ENER 140
ENV 279
POLCOM 51
RECH 102
CODEC 422

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 161 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 161 final.

Mehmuż: COM(2023) 161 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.3.2023
COM(2023) 161 final

2023/0081 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, u ekoloġika u r-reviżjoni totali korrispondenti tas-sistema tal-enerġija tagħna jippreżentaw opportunitajiet sinifikanti f'termini tal-iżvilupp tas-setturi tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u tat-tkabbir. Is-suq globali għat-teknoloġiji ewlenin b'emissjonijiet żero netti manifatturati bil-massa huwa mistenni li jittripla sal-2030 b'valur annwali ta' madwar EUR 600 biljun¹. Is-sħab u l-kompetituri tagħna ħafnu din l-opportunità u qed jimplimentaw miżuri ambizzjużi biex jakkwistaw ishma sinifikanti minn dan is-suq il-ġdid. Dawn l-iżviluppi huma xprunati wkoll minn kunsiderazzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-provvista. Ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija futuri se titkejjel b'mod partikolari permezz ta' aċċess sigur għat-teknoloġiji li se jħaddmu dawk is-sistemi - turbini tar-riħ, elettrolizzaturi, batteriji, PV solari, pompi tas-sħana u oħrajn. Min-naħa l-oħra, provvista sigura tal-enerġija se tkun essenzjali biex jiġi żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli, u fl-aħħar mill-aħħar l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika.

F'dak il-kuntest, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku² tal-1 ta' Frar 2023, ippreżentat pjan komprensiv għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet żero netti u għall-appoġġ tat-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Il-pjan huwa mfassal madwar l-erba' pilastri li ġejjin: (i) ambjent regolatorju prevedibbli u simplifikat; (ii) aċċess aktar rapidu għall-finanzjament; (iii) it-tisħiħ tal-ħiliet u (iv) il-kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huwa parti mill-azzjonijiet imħabbra f'dak il-kuntest, bil-għan li jissimplifika l-qafas regolatorju, u jtejjeb l-ambjent ta' investiment għall-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni ta' teknoloġiji li huma kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u biex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija dekarbonizzata tagħna tkun reżiljenti filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis, għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika u tal-benesseri ambjentali tal-pjaneta.

Il-produzzjoni globali tal-vetturi elettriċi se tiżdied bi 15-il darba sal-2050, filwaqt li l-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli se jiżdied bi kważi erba' darbiet. L-użu tal-pompi tas-sħana se jiżdied b'aktar minn sitt darbiet sal-2050, meta mqabbel mal-lum u l-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettroliżi jew mill-idroġenu bbażat fuq il-gass naturali bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju se tilħaq 450 Mt fl-2050. Dan se jsarraf fi ħtieġa ta' investimenti globali kumulattivi fil-manifattura ta' USD 1,2 triljun biex ikun hemm biżżejjed kapaċità b'mod konformi mal-miri globali tal-2030³. Iċ-Ċina tirrappreżenta 90 % tal-investimenti fil-faċilitajiet tal-manifattura.

L-Ewropa bħalissa hija importatur nett tat-teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li madwar kwart tal-karozzi elettriċi u tal-batteriji, u kważi l-moduli solari PV u ċ-ċelloli tal-fjuwil kollha jiġu importati, l-aktar miċ-Ċina. Għat-teknoloġiji fotovoltajċi solari u l-komponenti tagħhom, din id-dipendenza taqbeż id-90 % tal-prodotti f'ċerti segmenti upstream tal-katina tal-valur, bħall-ingotti u l-wejfers. F'setturi oħrajn, fejn l-industrija tal-UE

¹ Energy Technology Perspectives (2023), L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, Brussell, COM(2023) 62 final, 1.2.2023.

³ Energy Technology Perspectives (2023), L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.

għadha b'saħħitha, bħat-turbini tar-riħ u l-pompi tas-sħana, il-bilanċ tal-kummerċ tagħna qed jiddeterjora u l-produtturi tal-UE qed jiffaċċjaw kostijiet dejjem jiżdiedu tal-enerġija u tal-input. Barra minn hekk, fil-qasam tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, il-feġġa ta' katina tal-valur tas-CCS fl-UE bħalissa qed tiġi mfixkla minn nuqqas ta' siti tal-ħżin tas-CO₂.

Fl-istess ħin, it-teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti huma fiċ-ċentru ta' interessi ġeostrateġiċi b'saħħithom u fil-qalba tat-tellieqa teknoloġika globali. Il-pajjiżi huma ħerqana li jiżguraw il-provvista tagħhom fl-aktar teknoloġiji avvanzati tal-produzzjoni tal-enerġija u li jixprunaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Reġjuni oħra tad-dinja qed jinvestu ħafna u qed jimplimentaw miżuri ta' appoġġ biex jinnovaw u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom. L-Inflation Reduction Act tal-Istati Uniti se jimmobilizza aktar minn USD 360 biljun sal-2032. Il-pjanijiet ta' trasformazzjoni ekoloġika tal-Ġappun jimmiraw li jiġbru sa JPY 20 triljun (madwar EUR 140 biljun) – permezz ta' bonds ta' "tranżizzjoni ekoloġika". L-Indja ressqet l-Iskema ta' Inċentivi Marbuta mal-Produzzjoni biex ittejjeb il-kompetittività f'setturi bħall-fotovoltajċi solari u l-batteriji. Ir-Renju Unit, il-Kanada u ħafna oħrajn ressqu wkoll il-pjanijiet ta' investiment tagħhom f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

Barra minn hekk, matul l-aħħar sena, ħafna setturi Ewropej, b'mod partikolari l-industriji intensivi fl-enerġija bħal dawk tal-fertilizzanti, tal-azzar u tas-siment, intlaqtu b'mod sever mill-kriżi tal-enerġija. Biex jibqgħu kompetittivi u ċirkolari filwaqt li jilħqu l-miri tagħhom ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis zero, dawn l-industriji jeħtieġu aċċess għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti bħall-batteriji, il-pompi tas-sħana, il-pannelli solari, l-elettrolizzaturi, iċ-ċelloli tal-fjuwil, it-turbini tar-riħ, u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju. Barra minn hekk, dawn it-teknoloġiji għandhom ukoll rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal enerġija nadifa, bi prezz raġonevoli u sigura. L-Unjoni għandha l-elementi kollha biex issir mexxejja industrijali fis-suq tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti tal-futur: il-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima tipprovdni objettiv ċar fit-tul; l-Unjoni għandha ekonomija b'saħħitha flimkien ma' forza tax-xogħol b'talent u infrastruttura tal-ewwel klassi. L-għan ma huwiex biss li jitnaqqsu d-dipendenzi, iżda wkoll li jingħata kontribut biex l-industrija fl-UE tiġi pprovduta bit-teknoloġiji li teħtieġ għad-dekarbonizzazzjoni, u li ċ-ċittadini jiġu pprovduti b'enerġija nadifa, bi prezz raġonevoli u sigura, inkluż għal unitajiet domestiċi u konsumaturi vulnerabbli bi dħul baxx u medju inferjuri. Fl-2021 l-ekosistema b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kienet tiswa aktar minn EUR 100 biljun, u kienet irdoppjat fil-valur mill-2020⁴.

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jakkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti tal-Ewropa (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti).

Din il-proposta tilħaq l-objettiv li tissaħħaħ l-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti tal-Ewropa kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti għandu l-għan li jindirizza l-ixprunaturi ewlenin li ġejjin ta' investimenti fil-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti:

- it-titjib taċ-ċertezza tal-investiment, tal-enfasi tal-politika u tal-koordinazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' objettivi ċari u mekkaniżmi ta' monitoraġġ;

⁴

[The rise of European Clean Tech – Rapport, https://dealroom.co/uploaded/2022/04/Dealroom-Talis-Climate-Tech-Europe-2022.pdf](https://dealroom.co/uploaded/2022/04/Dealroom-Talis-Climate-Tech-Europe-2022.pdf)

- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet zero netti inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi u l-iffaċilitar tal-ġhotti ta' permessi, l-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u l-iżgurar tal-aċċess għall-informazzjoni;
- l-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq permezz ta' miżuri speċifiċi relatati mad-domanda pubblika permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u rkantijiet, kif ukoll permezz ta' skemi biex tiġi appoġġata d-domanda privata mill-konsumaturi;
- l-iffaċilitar ta' proġetti għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju, inkluż billi tittejjeb id-disponibbiltà tas-siti tal-ħżin tas-CO₂;
- l-appoġġ għall-innovazzjoni, inkluż permezz ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja;
- it-tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti;
- il-koordinazzjoni ta' sħubijiet industrijali b'emissjonijiet zero netti.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa huwa faċilitatur b'saħħtu għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u jista' jwassal għal prodotti ġodda u modi aktar effiċjenti u effettivi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵, li jikkontribwixxu kemm għall-miri għall-2030 b'rabta mal-klima u mal-enerġija kif ukoll għall-oġettivi tal-2050 li tinkiseb in-newtralità klimatika. Dawn it-teknoloġiji huma wkoll kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u għall-preservazzjoni tagħha fl-Ewropa.

It-tfixkil fil-provvista u d-dipendenzi fuq reġjuni oħra għall-forniment ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tal-UE u jaffettwaw is-setturi kollha tal-ekonomija. Sabiex jiġi indirizzati t-tfixkil u d-dipendenzi, il-proposta ssaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura tal-Ewropa ta' teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti. Fejn applikabbli, il-faċilitajiet jenħtieġ li jkunu konformi għalkollox mar-rekwiżiti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bħal dawk relatati mal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, inkluż ir-riskju u l-prevenzjoni ta' inċidenti industrijali, u jfittxu li jiżguraw effiċjenza għolja tal-enerġija, tar-riżorsi u tal-ilma. Dan huwa konformi wkoll mal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika, propost b'mod parallel ma' dan ir-Regolament⁶.

Din il-proposta hija konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna l-istrategġija industrijali l-ġdida tal-2020 f'Mejju 2021⁷ li tidentifika oqsma ta' dipendenzi strateġiċi li jistgħu jwasslu għal vulnerabbiltajiet bħalma huma l-iskarsezzi fil-provvista. Ir-Regolament propost huwa allinjat bis-sħiħ ukoll mal-proposti fir-rapport finali tal-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640, 11.12.2019.

⁶ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni, "Aġġornament tal-Istrategġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" COM(2021)350 final, 5.5.2021.

Din il-proposta hija pprovduta fid-dawl tal-opportunitajiet offriti mill-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm InvestEU⁸, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Orizzont Ewropa u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni li se jipprovdu possibbiltajiet għall-appoġġ tal-oġġettivi ta' dan l-Att.

Fl-aħħar nett, din l-inizjattiva hija konsistenti wkoll mar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli (Tassonomija)⁹.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta tikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' partijiet tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" li jiffokaw fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE, b'mod partikolari setturi diffiċli sabiex jitrażżnu, aktar elettrifikazzjoni u l-promozzjoni ta' vetturi u fjuwils aktar nodfa b'mod teknoloġikament newtrali¹⁰. Ir-reviżjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet ġodda għandha l-għan li tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dawn il-vetturi, filwaqt li tipprovdi perkors ċar u realistiku lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero. Id-domanda tal-konsumaturi għal vetturi b'emissjonijiet żero, bħal vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati bl-elettriku, diġà qed tiżdied¹¹ u tista' toħloq ukoll kobenefiċċji sinifikanti għall-kisba tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero¹².

Il-miżuri proposti se jikkontribwixxu wkoll għar-reżiljenza u għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi jiżguraw is-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji ewlenin relatati mal-enerġija, li hija kruċjali kemm għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' setturi oħrajn tal-ekonomija kif ukoll għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika.

Din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ tal-UE biex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika ekwa u ġusta¹³. Din hija konsistenti wkoll mal-azzjonijiet previsti fl-ambitu tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 u l-inizjattivi li għaddejjin fl-ambitu tal-Patt tal-UE għall-Ħiliet u s-sħubijiet tagħha dwar il-ħiliet fuq skala kbira kif ukoll politiki eżistenti oħra dwar il-ħiliet, bħall-Pjanijiet ta' Azzjoni għal kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet. Il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u t-tbassir tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet se jibnu fuq u jqisu bis-sħiħ il-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), fost l-oħrajn. In-Network Ewropew tas-Servizzi tal-Impjiegi (EURES) jiffaċilita l-kollokamenti tax-xogħol u bħala medja għandu aktar minn 3 miljun post tax-xogħol vakanti disponibbli fuq il-portal. Minħabba l-varjetà ta' postijiet tax-xogħol vakanti u ta' impjegaturi u l-għodda tagħha għal tqabbil awtomatizzat ibbażat fuq il-ħiliet, il-

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika. COM(2021) 550, 14.7.2021.

¹¹ Pereżempju, is-sehem tal-karozzi elettriċi fil-bejgħ ġdid fl-Ewropa qed jiżdied, u fl-2021 mistenni jilħaq l-14 %.

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final, 12.05.2021.

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).

kollokamenti ffaċilitati min-network tal-EURES u mill-portal tal-EURES jipprovdu wkoll riżultati konkreti fir-rigward tal-impjiegi rilevanti għall-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Biex tistimula aktar investiment fit-taħriġ f'teknoloġiji u proċessi ta' produzzjoni ġodda b'Emissjonijiet Żero Netti, fil-Pjan Industrijali tagħha tal-Patt Ekoloġiku il-Kummissjoni ħabbret, fost l-oħrajn, żieda fil-limitu massimu tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-għajnuna lill-SMEs għat-taħriġ minn EUR 2 miljun għal EUR 3 miljun, li l-miżuri ta' ħiliet se jittqiesu fil-valutazzjoni ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), u li l-Kummissjoni se tesplora t-trattament tan-nefqa fuq it-taħriġ mill-kumpaniji bħala investiment aktar milli bħala spiża jew kost operattiv.

Il-proposta hija konsistenti mal-Komunikazzjoni "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa" billi timmira lejn it-tiġdid u t-titjeb tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa, inkluż f'reġjuni li waqgħu jew li jinsabu f'riskju li jaqgħu f'nases tal-iżvilupp tat-talenti. Din se tqis, fost l-oħrajn, il-mekkaniżmu ta' spinta tat-talenti li għe żviluppat biex jappoġġa lir-reġjuni tal-UE affettwati mit-tnaqqis aċċellerat tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, il-proposta hija konsistenti ma' azzjonijiet fl-ambitu tal-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-ġdida, li tinkludi azzjoni ewlenija dwar it-trawwim, l-attirar u ż-żamma ta' talenti fit-teknoloġija profonda u timmira lejn miljun talent fit-teknoloġija profonda fuq perjodu ta' 3 snin madwar l-Istati Membri¹⁴.

Il-proposta tippromwovi l-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti f'reġjuni anqas żviluppati u fi tranżizzjoni billi tagħtihom aċċess sempliċi u awtomatiku għal status strateġiku. Għalhekk, il-proposta ssegwi l-oġettivi ta' koeżjoni u tikkontribwixxi għall-konverġenza ta' dawn ir-reġjuni billi tibni assi ekonomiċi sostenibbli u li jibqgħu validi għall-futur. Bil-ħolqien ta' qafas għall-manifattura ta' teknoloġiji speċifiċi b'emissjonijiet żero netti, il-proposta tikkomplementa kwalunkwe rekwiżit applikabbli skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn¹⁵, kif ukoll bl-emenda proposta tiegħu¹⁶ u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Dan ir-Regolament għandu l-għan ġenerali li jistabbilixxi qafas legali li jappoġġa l-iżvilupp tal-manifattura ta' teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, sabiex jiġu appoġġati l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050 u sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.

Dan l-oġettiv ġenerali jirriżulta f'oġettivi speċifiċi li jiġu ffaċilitati l-investimenti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti (il-pilastru 1), jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ (il-pilastru 2), jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq (il-pilastru 3), jittejbu l-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti (il-pilastru 4), tiġi appoġġata l-

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, COM(2022)332 final, 05.07.2022.

¹⁵ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

¹⁶ Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM/2022/142 final, 30.03.2022.

innovazzjoni (il-pilastru 5) u tinholq struttura speċifika għall-implimentazzjoni ta' dawn l-oġġettivi kemm f'termini ta' governanza kif ukoll ta' monitoraġġ (pilastru 6 u 7).

Għalhekk, il-bażi ġuridika xierqa hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") li jippermetti lill-Unjoni tiegħu miżuri li jżidu l-armonizzazzjoni sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni li fihom il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti tista' tiffjorixxi, li jwassal għall-innovazzjoni u jiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika.

L-ewwel nett, l-oġġettiv speċifiku li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jiġu stabbiliti regoli armonizzati għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni se jippermetti li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni eżistenti tas-suq intern dwar elementi essenzjali fir-rigward, pereżempju, tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għall-produtturi ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Dan se jżid ukoll iċ-ċertezza legali u jissimplifika l-piż amministrattiv għall-produtturi li jixtiequ jibnu faċilitajiet ta' produzzjoni ġodda jew jespandu dawk eżistenti fl-Unjoni, filwaqt li jgħallqu il-kundizzjonijiet għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament. Għalhekk, il-bażi ġuridika għal dan il-pilastru hija l-Artikolu 114 tat-Trattat, li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Sabiex tgħin fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ fl-Unjoni, taħt it-tieni pilastru hija ddefinita mira tal-Unjoni għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂, flimkien mal-miżuri meħtieġa biex din tintlaħaq.

It-tielet oġġettiv speċifiku li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq uniku għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti taħt it-tielet pilastru, jirrikjedi li tiġi mħeġġa d-domanda pubblika u privata għal prodotti sostenibbli, inkluż billi jiġi żgurat li x-xerrejja pubbliċi japplikaw b'mod konsistenti kriterji biex jiġi żgurat livell għoli ta' sostenibbiltà u reżiljenza tal-prodotti b'emissjonijiet zero netti li dawn jakkwistaw.

Ir-raba' oġġettiv speċifiku għandu l-għan li jgħallqu sinerġiji bejn l-Istati Membri u li jarmonizza l-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol li jirrispondu għall-bidla ekonomika fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

L-appoġġ għall-innovazzjoni skont il-ħames pilastru jirrikjedi wkoll koordinazzjoni fost l-Istati Membri għall-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja sabiex jiġi żgurat kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni għall-esperimentazzjoni u biex ikunu jistgħu jsiru eżenzjonijiet simili mid-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, is-sitt u s-seba' pilastru jgħallqu struttura ta' governanza armonizzata u rekwiżiti ta' monitoraġġ uniformi biex jiġi vvalutat il-progress li sar lejn il-mira komuni li tiżdied il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, peress li l-problemi huma ta' natura transfruntiera, u ma humiex limitati għal Stati Membri individwali jew għal subsett ta' Stati Membri. L-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud dimostrabbli fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa.

L-għoti ta' rispons komprensiv għall-kriżi tal-enerġija li taffettwa lill-UE jirrekjedi azzjoni konġunta rapida u koordinata minn varjetà ta' partijiet ikkonċernati, u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Barra minn hekk, minħabba l-isfidi għall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, l-intervent fil-livell tal-Unjoni jgħin biex jiġi kkoordinati r-risponsi sabiex jiġi indirizzati l-ħtiġijiet tal-Unjoni għal kapaċitajiet ta' manifattura addizzjonali għal

teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u biex jiġu evitati d-dipendenzi strutturali. Barra minn hekk, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju jirrikjedu approċċ transfruntier u tas-suq uniku biex ikunu soluzzjoni effettiva għall-industriji fl-Istati Membri kollha, inkluż f'dawk l-Istati Membri mingħajr kapacià ta' ħżin tas-CO₂, u għalhekk jiġu indirizzati bl-aħjar mod jekk jiġu kkoordinati fil-livell tal-UE.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista', b'mod ċar, tixpruna lill-atturi Ewropej lejn strateġija komuni ta' viżjoni u implimentazzjoni. Dan huwa kruċjali biex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u ta' firxa u biex tiġi ġġenerata l-massa kritika meħtieġa sabiex tiżdied il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-UE, filwaqt li jiġu limitati l-frammentazzjoni tal-isforzi u t-tlielaq tas-sussidji bejn l-Istati Membri li jagħmlu ħsara lill-istess Stati Membri.

Hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-oqsma li din il-proposta tindirizza permezz tad-diversi pilastru tagħha.

- Fir-rigward tal-ewwel pilastru ("l-Iffaċilitar tal-investimenti"), l-Inizjattiva se tappoġġa l-bini tal-kapacià teknoloġika fuq skala kbira madwar l-Unjoni biex tippermetti l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, sabiex trawwem l-istabbiliment ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti, inklużi proġetti strateġiċi, billi tissimplifika l-proċessi amministrattivi u għall-ħruġ tal-permessi. Dawn l-azzjonijiet jirrikjedu azzjoni tal-Unjoni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-suq Uniku.
- Sabiex tintlaħaq il-mira għall-kapacià tal-injezzjoni tas-CO₂ fl-Unjoni taħt it-tieni pilastru, hija meħtieġa azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni biex jiġu appoġġati l-isforzi fil-livell nazzjonali.
- Fir-rigward tat-tielet pilastru ("Aċċess għas-suq"), l-azzjonijiet immirati lejn l-aċċellerazzjoni tal-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jistgħu jitfasslu u jiġu implimentati b'mod adegwat biss fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-iskala tal-investimenti meħtieġa u minħabba li tali faċilitajiet ta' manifattura jistgħu jgħinu biex iservu s-suq intern, isaħħu l-ekosistema kollha, u jikkontribwixxu biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista.
- Ir-raba' pilastru ("It-tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti") jikkoordina l-isforzi biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet meħtieġa għall-industrija b'emissjonijiet żero netti fl-Ewropa billi jiġi appoġġat it-twaqqif ta' Akkademji speċjalizzati fil-ħiliet u permezz tal-istabbiliment ta' pjattaforma għal Ewropa b'emissjonijiet żero netti.
- Fir-rigward tal-ħames pilastru ("Innovazzjoni"), il-ħolqien ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, u li jiżgura eżenzjonijiet immirati mid-drift tal-Unjoni, fejn meħtieġ u mingħajr ma jiddgħajfu objettivi regolatorji oħra.
- Taħt is-sitt pilastru ("Governanza"), il-ħolqien ta' struttura unika fil-livell tal-Unjoni, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, se jippermetti lill-Kummissjoni tikkoordina l-azzjonijiet ta' hawn fuq flimkien mal-Istati Membri biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Unjoni kollha, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien.
- Fir-rigward tas-seba' pilastru ("Monitoraġġ"), il-kooperazzjoni msaħħa tal-Unjoni se tiżgura l-ġbir tal-intelligence meħtieġ u komparabbli. Dan se jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jantiċipaw u jipprevjenu n-nuqqasijiet u jistabbilixxu l-

miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ l-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa tal-Ewropa b'modi aktar effettivi milli permezz ta' taħlita ta' miżuri nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija mfassla biex issaħħaħ l-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti tal-Ewropa permezz ta' miżuri biex jiġu ffaċilitati l-investimenti, tiġi inċentivata d-domanda u jittejjbu u jiġġeddu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa.

Filwaqt li firxa wiesgħa ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti se tibbenefika mill-proposta, din tagħti aktar enfasi lil dawk il-partijiet tal-ekosistema tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jikkontribwixxu l-aktar għall-oġettivi tal-klima u tal-enerġija għall-2030. L-enfasi fuq l-enerġija solari, il-batteriji/il-ħżin, ir-riħ, l-elettrolizzaturi u ċ-ċelloli tal-fjuwil, il-pompi tas-sħana, il-bijometan, il-grilji u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) hija maħsuba biex tiffoka l-azzjonijiet fuq prodotti u komponenti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa.

Il-proġetti strateġiċi b'Emissjonijiet Zero Netti u l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'Emissjonijiet Zero Netti jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni fit-tul tal-industrija Ewropea permezz tal-kapaċitajiet tal-manifattura, l-ambjenti pilota għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar il-kapaċità ta' ħżin tas-CO₂, it-tneħħija tar-riskju ta' investimenti fi proġetti strateġiċi, kif ukoll minn negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li l-permessi għal tali proġetti ta' manifattura jingħataw permezz ta' proċeduri aktar rapidi u inqas ikkumplikati, kemm biex titħaffef l-installazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda tal-manifattura b'reazzjoni għall-kriżi tal-enerġija tal-Unjoni kif ukoll biex jitnaqqsu l-kostijiet u l-piż amministrattiv għan-negozji li jixtiequ jespandu l-kapaċitajiet tal-manifattura tagħhom għal teknoloġiji tal-enerġija nadifa fl-Ewropa.

Barra minn hekk, jenħtieġ li tkun disponibbli kapaċità suffiċjenti tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030 taħt il-pilastru 2, peress li dan in-nuqqas ta' infrastruttura huwa l-akbar ostaklu uniku biex jimmaterjalizzaw l-investimenti tal-qbid tas-CO₂, inkluż minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu. Il-produtturi taż-żejt u tal-gass għandhom l-assi, ir-riżorsi u l-ħiliet biex jabilitaw din il-kapaċità. F'ħidma flimkien, huma jistgħu jsibu l-aktar proġetti kosteffettivi biex jipprovdu l-kapaċità ta' injezzjoni meħtieġa qabel tinħoloq id-domanda.

L-inċentivi taħt il-pilastru 3 huma mfassla biex jiżguraw domanda stabbli għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li se jagħmluha ekonomikament attraenti għan-negozji biex iżidu l-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti mfassla apposta bi prestazzjoni għolja mil-lat ta' sostenibbiltà. Dawn se jiżguraw ukoll li r-Regolament jinċentiva l-fondi pubbliċi biex jiġu diretti lejn tali teknoloġiji. Huwa biss permezz ta' bidla rapida lejn teknoloġiji sostenibbli b'emissjonijiet zero netti li l-UE se tkun tista' tissodisfa l-ambizzjonijiet klimatiki tagħha għall-2030.

L-azzjonijiet dwar il-ħiliet għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fil-pilastru 4 se jippermettu lill-Unjoni tagħti s-setgħa lill-forza tax-xogħol tagħha biex tikkontribwixxi bl-aħjar mod għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Il-ħolqien ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja fil-pilastru 5 huwa soġġett għal salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li kwalunkwe eżenzjoni mid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali tkun akkumpanjata minn miżuri ta' mitigazzjoni xierqa biex jiġi żgurat li jintlaħqu oġettivi regolatorji oħra ta' importanza ugwali filwaqt li tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

Sabiex il-miżuri stabbiliti hawn fuq jitwettqu bl-aħjar mod, fil-pilastru 6 ġiet stabbilita struttura ta' governanza, li tlaqqa' flimkien lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex

jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex jilhq u l-għanijiet komuni tagħhom għas-sigurtà tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa.

Fl-aħħar nett, il-monitoraġġ taħt il-pilastru 7 huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv fil-livell tal-Unjoni għall-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-oġġettivi tal-ħżin tas-CO₂, kif ukoll b'mod aktar ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-iskambju ta' informazzjoni mill-Istati Membri u mill-Unjoni biex jiġi evitat tfixkil possibbli fil-katina tal-provvista.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tiegħi l-forma ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan huwa l-aktar strument legali xieraq għall-pilastru 1 minħabba l-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tar-regoli l-ġodda, b'mod partikolari d-definizzjoni tal-Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti, kif ukoll proċedura uniformi għar-rikonossiment tagħhom, u l-appoġġ ta' settur industrijali fis-suq intern kollu, filwaqt li jiġi ffaċilitat ukoll il-ħolqien ta' ktajjen tal-valur sħaħ tal-produzzjoni billi jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-atturi tas-suq mill-UE kollha. L-għażla ta' Regolament bħala strument legali għall-pilastru 2 u 3 hija ġġustifikata, peress li Regolament biss, bid-dispożizzjonijiet legali direttament applikabbli tiegħu, jista' jipprovdi l-grad meħtieġ ta' uniformità meħtieġ għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-istabbiliment u t-tħaddim ta' Inizjattiva tal-Unjoni biex tinċentiva d-domanda b'mod uniformi fis-suq intern kollu. Il-Pilastru 4 huwa indirizzat bl-aħjar mod ukoll permezz ta' Regolament li jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, Regolament huwa l-aktar strument xieraq għall-pilastru 5 biex jappoġġa l-innovazzjoni fis-suq intern, kif ukoll għall-pilastru 6, li johlq struttura ta' governanza li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom, u għall-pilastru 7 li taħtu huma stabbiliti mekkaniżmi uniformi ta' monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ma jirrikjedix it-traspożizzjoni permezz ta' miżuri nazzjonali u huwa direttament applikabbli.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta ġġib armonizzazzjoni addizzjonali u tikkostitwixxi l-ewwel qafas legali koerenti fil-livell tal-UE għat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa. Għalhekk, ma hijiex appoġġata minn evalwazzjonijiet *ex post*.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti tħabbar mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fis-17 ta' Jannar 2023 matul il-Forum Ekonomiku Dinji f'Davos¹⁷. "L-ewwel pilastru jikkonċerna l-veloċità. Jeħtieġ li noħolqu ambjent regolatorju li jippermettilna nespandu malajr u li noħolqu kundizzjonijiet favorevoli għas-setturi li huma kruċjali biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti. Dan jinkludi l-enerġija mir-riħ, il-pompi tas-sħana, l-enerġija solari, l-idroġenu nadif, il-ħżin u oħrajn – li għalihom id-domanda hija msaħħa mill-pjanijiet tagħna ta' NextGenerationEU u REPowerEU. Biex nġinu dan iseħħ, se nressqu Att ġdid dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Dan se jsegwi l-istess mudell bħall-Att tagħna dwar iċ-Ċipep. L-Att il-ġdid dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se jidentifika għanijiet ċari għat-teknoloġija nadifa Ewropea sal-2030. L-għan se jkun li l-investiment jiġi ffukat fuq proġetti strateġiċi tul il-katina kollha tal-provvista. Se nħarsu b'mod speċjali lejn

¹⁷ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_23_232

kif għandna nissimplifikaw u nħaffu l-għoti ta' permessi għal siti ta' produzzjoni ġodda tat-teknoloġija nadifa." Minħabba l-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt u ma ġiet prevista l-ebda konsultazzjoni pubblika online. L-analiżi u l-evidenza ta' sostenn kollha se jiġu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal ippubblikat mhux aktar tard minn 3 xhur mill-pubblikazzjoni tal-proposta.

Fl-ewwel laqgħa tal-Pjattaforma Clean Tech Europe, organizzata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2022, saret diskussjoni ta' livell għoli u l-ewwel sessjoni ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija b'emissjonijiet zero netti. Il-laqgħa gābret flimkien rappreżentanti ta' livell għoli minn 23 Stat Membru, flimkien ma' rappreżentanti mill-industriji tar-riħ, tal-batteriji, tal-grilja tal-elettriku, tal-pompi tas-sħana u tal-PV solari u tal-katina tal-valur. Matul il-laqgħa, il-parteċipanti enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-kompetizzjoni regolatorja globali fis-settur, bħall-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Istati Uniti. Ir-rappreżentanti tal-industrija indikaw diversi ostakli fl-Unjoni, li enfasizzaw proċeduri twal ta' għoti ta' permessi għall-kostruzzjoni jew għall-espansjoni ta' kapaċità tal-manifattura b'emissjonijiet zero netti li jfixklu wkoll il-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati kif ukoll in-nuqqas ta' persunal kwalifikat.

Minbarra l-iskambji regolari fit-tul mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, fi Frar 2023 twettaq sħarriġ addizzjonali mmirat bi skadenza qasira b'għażla ta' organizzazzjonijiet industrijali tal-partijiet ikkonċernati mill-industriji tal-enerġija mir-riħ, tal-enerġija solari, tal-batteriji, tal-pompi tas-sħana u tal-idroġenu/elettrolizzaturi biex jiġi pprovdut għarfien addizzjonali. Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw sfidi fir-rigward ta':

- (1) żminijiet meħtieġa twal u żminijiet twal għall-għoti ta' permessi għal proġetti u għaż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni;
- (2) nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi mal-kompetituri internazzjonali;
- (3) tfixkil fil-materjali, u nuqqas tagħhom;
- (4) frammentazzjoni, oqfsa leġislattivi mhux ċari jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni u/jew nazzjonali;
- (5) diffikultajiet biex jinstabu siti xierqa ta' produzzjoni u ta' użu;
- (6) ostakli relatati mal-offerti pubbliċi;
- (7) nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet;
- (8) produzzjoni proprja insuffiċjenti u dipendenza fuq il-kapaċitajiet tal-manifattura ta' komponenti ewlenin;
- (9) kostijiet tal-produzzjoni għoljin.

Barra minn hekk, ġie kkunsidrat input addizzjonali rilevanti għall-għażliet ta' politika tal-proposta minn laqgħat ma' rappreżentanti tal-industrija u awtoritajiet pubbliċi fil-qafas tal-ħidma mwettqa fl-alleanzi industrijali mnedija mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza Ewropea tal-Idroġenu Nadif (inkluża s-Sħubija għall-Elettrolizzaturi), l-Alleanza tal-Materja Prima u l-Alleanza Ewropea għall-Industrija tal-PV solari. Barra minn hekk, il-Forum Industrijali Ewropew dwar l-Enerġija Nadifa, organizzat f'laqgħat regolari matul l-2021 u l-2022 ipprova pjattaforma kbira għad-diskussjoni dwar il-ħtiġijiet industrijali. Fir-rigward tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, fil-Forum tal-UE tas-CCUS tal-2022, il-partijiet ikkonċernati stmaw li d-domanda għal servizzi ta' ħżin

annwali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) se jikbru minn bażi baxxa ħafna għal 80 miljun tunnellata ta' CO₂ fl-2030 u li se jilhqqu mill-inqas 300 miljun tunnellata ta' CO₂ fl-2040.

Barra minn hekk, kuntatti fit-tul u regolari mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri u mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali ppermettew il-ġbir ta' informazzjoni u feedback rilevanti.

- **Ġbir u użu tal-ġharfien espert**

Kuntatti fit-tul u regolari mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri, mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali, u mal-assoċjazzjonijiet tal-utenti ppermettew li jinkiseb ammont raġonevoli ta' informazzjoni u feedback rilevanti għall-proposta.

F'dawn l-aħħar snin ġew ippubblikati ħafna studji u rapporti dwar is-settur tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jiddeskrivu x-xejriet u jipprovdu fatti u ċifri, u servew biex jinformaw il-proposta, inklużi:

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea. Progress dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa. COM/2022/643 final
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea. Rapport annwali tal-JRC tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kompetittività tal-Industrija Newtrali għall-Klima (CIndECS). 2021
- (3) L-Osservatorju tat-Teknoloġija tal-Enerġija Nadifa (CETO). Rapport 2022.
- (4) AIE- il-Perspettivi tat-Teknoloġija tal-Enerġija. 2023

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma' din il-proposta ma ġietx meħmuża valutazzjoni tal-impatt formali. Meta titqies l-urġenza li tittieħed azzjoni għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, ma setgħetx issir valutazzjoni tal-impatt fiż-żmien disponibbli qabel l-adozzjoni tal-proposta. L-analiżi u l-evidenza ta' sostenn kollha se jiġu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal ippubblikat mhux aktar tard minn 3 xhur mill-pubblikazzjoni tal-proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta tistabbilixxi miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-ekosistema tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Għall-kumpaniji li jimmanifatturaw teknoloġiji tal-enerġija nadifa fl-Ewropa, din se żżid iċ-ċertezza legali, tiffaċilita l-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda tal-manifattura permezz ta' proċeduri simplifikati u aktar rapidi ta' għoti ta' permessi, u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għall-proġetti ta' tneħħija tar-riskji u tipprevedi forza tax-xogħol imħarrġa fl-Unjoni. Għall-fornituri ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, din se tiżgura sors stabbli ta' domanda għal tagħmir, prodotti u komponenti ta' enerġija nadifa sostenibbli ħafna. Għall-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali, din se żżid l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni u se ssaħħaħ il-koordinazzjoni (billi tintroduċi Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti). Barra minn hekk, il-qafas se jipprevedi miżuri speċifiċi li jappoġġaw l-innovazzjoni, inklużi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u appoġġ iddedikat għall-utenti u l-fornituri fuq skala żgħira ta' teknoloġiji sostenibbli ta' kwalità għolja b'emissjonijiet żero netti biex isibu swieq tal-produzzjoni fl-Ewropa u biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ma' atturi oħra tas-suq sabiex joħolqu ktajjen tal-valur saħaħ fl-UE.

Il-proposta għandha wkoll l-għan speċifiku li ssaħħaħ il-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Ewropa f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Hija żgurata konsistenza sħiħa mal-leġislazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti (eż. dwar l-iffrankar tal-enerġija, it-tikkettar tal-enerġija, u l-użu) li se ġġib aktar ċarezza

u tissimplifika l-infurzar tar-regoli l-ġodda, u mal-leġiżlazzjoni proposta dwar il-materja prima kritika.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”) jipprevedi l-libertà ta’ intrapriża. Il-miżuri f’din il-proposta jgħolqu kapaċità ta’ innovazzjoni u jrawmu d-domanda għal teknoloġija b’enerġija nadifa, u dan jista’ jsaħħaħ il-libertà ta’ intrapriża f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Madankollu, xi miżuri tal-pilastru 2 meħtieġa biex jindirizzaw tfixkil serju fil-provvista ta’ teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti fl-Unjoni jistgħu jillimitaw temporanjament il-libertà ta’ intrapriża u l-libertà kuntrattwali, protetti mill-Artikolu 16 u d-dritt għall-proprjetà, protett mill-Artikolu 17 tal-Karta. Kwalunkwe limitazzjoni ta’ daww id-drittijiet f’din il-proposta, f’konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, se tkun prevista mid-dritt, tirrispetta l-essenza ta’ daww id-drittijiet u l-libertajiet, u tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-obbligu li tiġi żvelata informazzjoni speċifika lill-Kummissjoni, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jirrispetta l-essenza tal-libertà ta’ intrapriża u mhux se jaffettwaha b’mod sproporzjonat (l-Artikolu 16 tal-Karta). Kwalunkwe talba għal informazzjoni sservi l-oġettiv ta’ interess ġenerali tal-Unjoni biex tippermetti li jiġu identifikati miżuri ta’ mitigazzjoni potenzjali f’każ ta’ kriżi tal-provvista tal-enerġija. Dawn it-talbiet għal informazzjoni huma xierqa u effikaċi biex jintlaħaq l-oġettiv billi tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi vvalutata l-kriżi inkwistjoni. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni titlob l-informazzjoni mixtieqa biss minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi u tista’ toħroġ talbiet lil impriżi individwali biss jekk dan ikun meħtieġ ukoll. Peress li l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-provvista ma hijiex disponibbli mod ieħor, ma hemm l-ebda miżura ugwalment effikaċi biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex daww li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej ikunu jistgħu jieħdu azzjoni ta’ mitigazzjoni. Fid-dawl tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjetali serji li jikkawża nuqqas fil-provvista tal-enerġija u l-importanza rispettiva tal-miżuri ta’ mitigazzjoni, it-talbiet għall-informazzjoni huma proporzjonati għall-għan mixtieq.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tistabbilixxi Pjattaforma għal Ewropa b’Emissjonijiet Żero Netti. L-Intestatura 7 tal-baġit tal-UE se tappoġġa l-organizzazzjoni tal-Pjattaforma għal Ewropa b’Emissjonijiet Żero Netti b’total ta’ EUR 5,130 miljun għal sitt uffiċjali. Dan isarraf f’nefqa annwali ta’ EUR 1,026 miljun. Il-persunal se jkun responsabbli biex iwettaq il-kompiti fir-rigward tal-Pjattaforma għal Ewropa b’Emissjonijiet Żero Netti kif ukoll l-akkademji tal-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti kif stabbilit f’dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-proposta tistma kostijiet addizzjonali għall-kumitati b’baġit ta’ EUR 125 000.

Il-finanzjament tal-kostijiet operazzjonali assoċjati ta’ din l-inizjattiva se jiġi appoġġat mill-baġit għall-“Operat u l-iżvilupp tas-suq intern tal-oġġetti u s-servizzi” fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali sal-2027.

Sabiex titwettaq analiżi tar-riċerka u tad-*data* għall-monitoraġġ tal-inizjattiva u tal-iżviluppi tas-suq kif ukoll sabiex tinkiseb *data* aġġornata dwar il-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija b’emissjonijiet żero netti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati ma’ dan ir-Regolament, huwa allokat baġit ta’ EUR 720 000.

Din il-proposta se tappoġġa l-Akkademji tal-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti b’finanzjament tal-bidu fil-forma ta’ EUR 3 miljun mill-baġit għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif u EUR 2,5 miljun mill-baġit tal-Programm tas-Suq Uniku, pilastru tal-SMEs.

Aktar dettalji huma pprovduti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva annessa ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tevalwa l-output, ir-riżultati u l-impatt ta' din il-proposta 3 snin wara d-data li fiha ssir applikabbli u kull 4 snin wara dan. Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni se jiġu ppreżentati f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li se jiġi ppubblikat.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

1.1 Kapitolu I – Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

Il-Kapitolu I jistabbilixxi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u s-suġġett tiegħu. L-oġġettivi tar-Regolament jissarrfu f'parametru referenzjarju ewlieni ġenerali kwantifikat immirat biex jiżgura li sal-2030, il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni tat-teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero elenkati fl-Anness kważi tissodisfa jew tissodisfa mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet tal-użu annwali tal-Unjoni. Dan il-parametru referenzjarju jirrappreżenta ambizzjoni politika ġenerali li tinkiseb reżiljenza għolja fit-teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero u fis-sistema ġenerali tal-enerġija, filwaqt li titqies il-ħtieġa li dik l-ambizzjoni tiġi segwita b'mod flessibbli u diversifikat. Il-livell ta' dan il-parametru referenzjarju jqis l-oġġettivi indikattivi speċifiċi għat-teknoloġija deskritti fil-Premessa 16 tal-proposta. Dan ma huwiex daqs il-medja ta' dawn tal-aħħar, minħabba li:

- (i) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness huwa usa' mill-ħames teknoloġiji li għalihom ġew identifikati oġġettivi indikattivi speċifiċi għat-teknoloġija fil-Premessa 16;
- (ii) Għal xi teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, bħall-PV solari, 40 % jirrappreżenta sforz realistiku iżda ambizzjuż ta' żieda fil-kapaċità tal-manifattura korrispondenti;
- (iii) Il-parametru referenzjarju ewlieni ġenerali jqis il-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura mhux biss għall-prodotti finali iżda wkoll għal komponenti speċifiċi. Għal xi wħud minn dawn, bħal (wejfers, ingotti jew ċelloli solari fil-każ ta' PV solari jew ta' anodi u ta' katodi għall-batteriji, l-ilħuq tal-valur referenzjarju ewlieni ta' 40 % jirrappreżenta oġġettiv realistiku iżda ambizzjuż ħafna).
- (iv) Il-parametru referenzjarju ewlieni flimkien mal-modalitajiet ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Artikolu 31 se jgħin biex jiġu identifikati, minn kmieni, vulnerabbiltajiet jew sfidi eżistenti jew potenzjali marbuta mar-reżiljenza ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti u biex tittieħed azzjoni, kif xieraq.

Il-Kapitolu I jiċċara wkoll id-definizzjonijiet li jintużaw fl-istrument kollu, inkluż il-kunċett ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Ir-Regolament jistabbilixxi qafas, li jikkonsisti minn seba' "pilastru", għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. B'mod partikolari, ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-promozzjoni ta' proġetti tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi u għall-ħruġ tal-permessi u d-definizzjoni ta' Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti (il-pilastru 1). Ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ (il-pilastru 2) kif ukoll biex tiġi inkentivata d-domanda għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

(il-pilastru 3). Dan joħloq ukoll qafas biex titrawwem forza tax-xogħol b'ħiliet fis-settur (il-pilastru 4) u titrawwem l-innovazzjoni (il-pilastru 5), filwaqt li joħloq struttura ta' governanza (il-pilastru 6) u jistabbilixxi l-qafas għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri (il-pilastru 7).

1.2. Kapitolu II – Kundizzjonijiet abilitanti għall-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti

It-Taqsima 1 tistabbilixxi proċessi simplifikati ta' għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Il-proġetti kollha ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti se jibbenefikaw mill-fatt li l-Istati Membri se jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti li taġixxi bħala punt ta' kuntatt uniku, responsabbli mill-koordinazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-għoti ta' permessi, li tipprovdi gwida lill-operaturi ekonomiċi, tiżgura li l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-pubbliku u li d-dokumenti kollha jkunu jistgħu jiġu ppreżentati b'mod diġitali. Ir-Regolament jistabbilixxi skedi ta' żmien dettaljati għall-proċeduri tal-għoti ta' permessi skont in-natura tal-proġett żviluppat. Il-proposta hija konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-għoti ta' permessi bħad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (UE) 2018/2001¹⁸, ir-Regolament TEN-E¹⁹, id-Direttiva dwar il-Gass²⁰ u r-Regolament tal-Kunsill dwar il-permessi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli²¹, kif ukoll mal-proposti dwar l-emenda tar-REPowerEU għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli²², il-proposta tar-Regolament dwar l-Att dwar iċ-Ċipep²³ u l-proposta tal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika. Il-proċeduri aktar rapidi għall-għoti ta' permessi huma mingħajr preġudizzju għall-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali kif deskritt fid-dritt tal-Unjoni.

It-Taqsima 2 tistabbilixxi regoli li għandhom x'jaqsmu mal-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti. Il-kriterji biex jintgħażlu proġetti strateġiċi se jkopru l-kontribut li jkun ta l-proġett għar-reżiljenza teknoloġika u industrijali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u/jew il-kontribut tal-proġett għall-kompetittività tal-katina tal-provvista tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-UE. Ir-Regolament jiddefinixxi l-proċeduri biex il-proġetti japplikaw u jiġu rikonoxxuti bħala proġetti strateġiku b'emissjonijiet zero netti mill-Istati Membri. Il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti se jingħataw status ta' prijarità sabiex jiġu żgurati l-aktar proċessi rapidi ta' għoti ta' permessi f'konformità mal-liġijiet nazzjonali u tal-UE u se jibbenefikaw minn skedi ta' żmien prevedibbli għall-għoti ta' permessi. Dawn jistgħu jitqiesu wkoll ta' interess pubbliku prevalenti għall-finijiet ta' għoti

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

²⁰ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36).

²² Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika, COM/2022/222 final, 18.05.2022.

²³ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep), COM/2022/46 final, 08.02.2022.

ta' permessi dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri se jwettqu attivitajiet biex jaċċelleraw u jinċentivaw l-investimenti privati fi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti sabiex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tagħhom. Il-promoturi ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti se jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn pariri ta' finanzjament li jirriżultaw mill-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti stabbilita fil-Kapitolu VII.

1.3. Kapitolu III – kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

Il-Kapitolu III jistabbilixxi objettiv fil-livell tal-Unjoni li għandu jintlaħaq sal-2030 għal kapaċità annwali ta' injezzjoni fil-ħżin tas-CO₂ ta' 50Mt CO₂ u jinkludi miżuri biex jiġi implimentat. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jiġbru flimkien l-assi rilevanti ewlenin biex jistabbilixxu suq uniku tal-Unjoni għas-servizzi ta' ħżin tas-CO₂ li l-emittenti tas-CO₂ fuq skala kbira, inklużi s-setturi industrijali li huma diffiċli sabiex jittrażżnu, jistgħu jiddependu fuqhom biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dan jinkludi informazzjoni aħjar dwar id-data ġeoloġika relatata mas-siti ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass, dwar proġetti ta' qbid tas-CO₂ li għadhom għaddejjin jew li huma previsti għall-5 snin li ġejjin, u dwar l-istima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin. Proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għall-ħżin tas-CO₂, li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, li għandhom l-għan li jipprovdu kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ li tkun disponibbli operazzjonalment sal-2030 jew qabel u li jkunu applikaw għal permess għall-ħżin ġeoloġiku sikur u permanenti tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/UE²⁴, se jiġu appoġġati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq l-objettiv għall-2030 fil-livell tal-Unjoni huma previsti kontributi mill-produtturi taż-żejt u tal-gass li għandhom awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 94/22/KE²⁵.

1.4. Kapitolu IV – Aċċess għas-swieq

Il-Kapitolu IV fih azzjonijiet immirati lejn l-aċċellerazzjoni tal-aċċess għas-swieq għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Dan l-ewwel jinkiseb permezz ta' miżuri mfassla biex jgħinu lill-awtoritajiet pubbliċi jgħolqu u jżommu domanda pubblika stabbli għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li se jagħmluha ekonomikament attraenti għan-negozji biex iżidu l-produzzjoni ta' prodotti mfassla apposta għas-suq Ewropew imfassla bi kriterji għoljin ta' sostenibbiltà u reżiljenza. Tali miżuri huma relatati l-ewwel mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u mal-irkantijiet biex jintużaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli li għalihom l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom iqisu l-kriterji relatati mas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta jagħtu l-kuntratti jew jikklassifikaw l-offerti. It-tieni, il-kapitolu jinkludi miżuri biex jiġi żgurat li forom oħra ta' appoġġ pubbliku għad-domanda privata jikkontribwixxu għall-istess għan.

1.5 Kapitolu V – It-tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

Il-Kapitolu V jipproponi miżuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet meħtieġa għall-industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. In-nuqqas attwali ta' ħiliet, u ż-żieda mbassra tagħhom, u n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet jipperikolaw iż-żieda

²⁴ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

²⁵ Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

tal-industriji Ewropej tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Il-proposta għandha l-għan li toħloq mekkaniżmi għat-tfassil u l-użu tal-ħiliet meħtieġa b'mod li hu mmirat b'mod effettiv lejn il-ħtiġijiet ta' industriji b'emissjonijiet żero netti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak lokali. Din tagħmel hekk billi tipprevedi li l-Kummissjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment ta' Akkademji Ewropej speċjalizzati fil-ħiliet, li kull waħda minnhom tiffoka fuq teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u taħdem flimkien mal-Istati Membri, l-industrija, is-sħab soċjali, u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex ifasslu u jużaw korsijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jerġgħu jħarrġu u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema meħtieġa għall-industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tgħin fid-disponibbiltà u fl-użu ta' persuni b'ħiliet meħtieġa f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti permezz ta' sensiela ta' kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-attivazzjoni ta' aktar nisa u żgħażaġh, li huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs). B'hekk, l-Att ifittex li jikkomplementa għadd ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE, bħall-Patt tal-UE għall-Ħiliet, l-Aġenda tal-Ħiliet tal-UE, il-perkorsi ta' tranżizzjoni industrijali, u s-sena Ewropea tal-Ħiliet 2023.

1.6 Kapitolu VI – Innovazzjoni

Il-Kapitolu VI jistabbilixxi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti biex tiġi promossa l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Il-proposta tintroduċi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti f'ambjent ikkontrollat għal ammont ta' żmien limitat. It-teknoloġiji innovattivi li jaqgħu taħt l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jistgħu eventwalment jitqiesu essenzjali biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, u konsegwentement jidħlu fl-ambitu ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti skont dan ir-regolament.

1.7 Kapitolu VII – Governanza

Il-Kapitolu VII jistabbilixxi struttura, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, li tippermetti lill-Kummissjoni tikkoordina l-azzjonijiet ta' hawn fuq b'mod konġunt mal-Istati Membri. Il-Pjattaforma hija korp ta' referenza, li fih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu, jiskambjaw informazzjoni, jaqsmu l-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament, u li fih il-Kummissjoni tista' tikseb kontribut minn partijiet terzi bħal esperti u rappreżentanti, eż., mill-industrija b'emissjonijiet żero netti. Il-ħidma tista' tiġi organizzata f'sottogruppi permanenti jew temporanji differenti. L-attivitajiet għall-pjattaforma huma deskritti fl-Artikoli differenti ta' dan ir-Regolament, u jinkludu b'mod partikolari s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, inklużi punti uniċi ta' servizz [l-Artikolu 4], proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti [l-Artikolu 11], il-koordinazzjoni tal-finanzjament [l-Artikolu 15], l-aċċess għas-swieq [l-Artikoli 19, 20 u 21] il-ħiliet [l-Artikolu 25], ambjenti innovattivi ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti [l-Artikolu 26] u l-għoti ta' pariri dwar it-tnejn tar-rapporti annwali dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa, skont ir-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija²⁶. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu dwar Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti fi ħdan il-Pjattaforma [l-Artikolu 28]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu sehem attiv taħt il-Pjattaforma biex irawmu kuntatti bejn il-pajjiżi bejn

²⁶ Skont ir-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont l-Artikolu 35, u l-Artikolu 35(2)(m) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

intrapriżi attivi f'setturi b'emissjonijiet żero netti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi jagħmlu użu mill-ħidma tal-alleanzi industrijali.

1.8 Kapitolu VIII – Monitoraġġ

Il-Kapitolu VIII fih dispożizzjonijiet uniformi li jippermettu l-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista biex jiġi traċċat il-progress fir-rigward tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 1, kif ukoll il-progress lejn l-ilħuq tal-mira tal-ħżin tas-CO₂. Dan jinkludi wkoll dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ b'mod ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

1.9 Kapitolu IX – Dispożizzjonijiet Finali

Il-Kapitolu IX fih dispożizzjonijiet dwar id-delega ta' setgħat, emendi għal atti oħra, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ u d-Direttiva (UE) 2013/34/UE²⁸, obbligu għall-Kummissjoni li tħejji rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, u d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni.

1.10 Anness – Teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

It-teknoloġiji elenkati fl-Anness jibbażaw fuq tliet kriterji ewlenin: 1) il-livell ta' tħejjija teknoloġika; 2) il-kontribut għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività; u 3) ir-riskji tas-sigurtà tal-provvista. Dawn intgħażlu fuq il-bażi tal-oġġettivi ġenerali tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-UE, b'mod partikolari dawk li huma kummerċjalment disponibbli u li għandhom potenzjal tajjeb għal żieda rapida.

L-ewwel kriterju tal-livell ta' tħejjija teknoloġika (TRL) jirreferi għal metodu ta' stima tal-maturità tat-teknoloġiji u huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni li tintuża mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE). Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ġeneralment jirreferi għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jaqgħu fit-TRL 8 (dimostrazzjoni kummerċjali li hija l-ewwel tat-tip tagħha – dimostrazzjoni kummerċjali, użu fuq skala sħiħa fil-forma finali) jew oġġha.

It-tieni kriterju tad-dekarbonizzazzjoni u tal-kompetittività jidentifika dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li huma mbassra li jagħtu kontribut sinifikanti għall-pakkett għall-2030 "Lesti għall-mira ta' 55 %" biex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Fl-aħħar nett, it-tielet kriterju huwa relatat mas-sigurtà tal-provvista li tiżgura r-reżiljenza teknoloġika u industrijali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni billi żżid il-kapaċità tal-manifattura ta' komponent jew parti fil-katina tal-valur tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għaliha l-Unjoni tiddependi ħafna jew qed tiddependi dejjem aktar fuq l-importazzjonijiet, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn pajjiż terz wieħed.

Fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji, intgħażlu tmien gruppi ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Barra minn hekk, il-gruppi tat-teknoloġija rispettivi b'emissjonijiet żero netti jirreferu mhux biss għall-prodott jew għall-assemblaġġi teknoloġiċi finali, iżda wkoll għall-

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li ttipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

²⁸ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE Test b'rilevanza għaż-ŻEE, (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

komponenti upstream ewlenin li huma parti ċentrali mit-teknoloġiji rispettivi (eż., ingotti, wejfers, u ċelloli solari għall-moduli solari; gondoli, torrijiet, u pali għat-turbini tar-riħ, eċċ.).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni impenjat ruħha għad-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha u l-użu ambizzjuż ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli biex tikseb newtralità klimatika jew emissjonijiet żero netti (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) sal-2050. Dak l-oġettiv huwa fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Industrijali aġġornata tal-UE, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni għall-azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi³¹. Sabiex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika, ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³² jistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni dwar il-klima biex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Il-pakkett propost "Lesti għall-Mira ta' 55 %" ³³ għandu l-għan li jilħaq il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u jirrevedi u jaġġorna l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

²⁹ ĠU C [...], [...], p. [...]

³⁰ ĠU C [...], [...], p. [...]

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

³² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

³³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika. COM(2021) 550, 14.7.2021.

- (2) Is-Suq Uniku jipprovdi l-ambjent xieraq biex jiġi abilitat l-aċċess fl-iskala u l-pass meħtieġa għat-teknoloġiji li hemm bżonn biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni. Minħabba l-komplessità u l-karattru transnazzjonali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-miżuri nazzjonali mhux ikkoordinati biex jiżguraw l-aċċess għal dawk it-teknoloġiji jkollhom potenzjal għoli li jfixxlu l-kompetizzjoni u jifframmentaw is-suq Uniku. Għalhekk, biex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq Uniku, huwa meħtieġ li jinħoloq qafas legali komuni tal-Unjoni biex tiġi indirizzata b'mod kollettiv din l-isfida ċentrali billi jiżdiedu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.
- (3) Fir-rigward tal-aspetti esterni, b'mod partikolari fir-rigward tas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, l-UE se tfittex sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku fil-qafas tal-istrateġija Global Gateway, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha kif ukoll għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex isegwu tranżizzjoni doppja u jiżviluppaw żieda fil-valur lokali.
- (4) Sabiex tissodisfa dawk l-impenji, l-Unjoni jeħtiġilha tħaffef il-pass tagħha ta' tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, b'mod partikolari billi żżid l-effiċjenza enerġetika u s-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-UE tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-2030 ta' rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % u parteċipazzjoni fit-taħriġ ta' mill-inqas 60 % tal-adulti. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun ġusta u ekwa³⁴.
- (5) Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija wara l-aggressjoni militari mhux ġustifikata u illegali mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, taw spinta qawwija biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni tal-Enerġija billi titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u tintemm kwalunkwe dipendenza fuq il-fjuwils fossili esportati mill-Federazzjoni Russa. Il-pjan REPowerEU³⁵ għandu rwol ewlieni fir-rispons għad-diffikultajiet u t-tfixkil globali fis-suq tal-enerġija kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa. Dak il-pjan għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, sabiex jitnaqqas il-konsum tal-gass u tal-elettriku tal-Unjoni u biex tingħata spinta lill-investimenti fl-użu ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dak il-pjan jistabbilixxi fost l-oħrajn il-miri biex sal-2025 il-kapaċità fotovoltajka solari tiġi rduppjata, u biex jiġu installati 600 GW ta' kapaċità fotovoltajka solari sal-2030; tiġi rduppjata r-rata ta' użu tal-pompi tas-sħana; jiġu prodotti 10 miljun tunnellata ta' idroġenu rinnovabbli domestiku sal-2030; u biex tiżdied sostanzjalment il-produzzjoni tal-bijometan. Il-pjan jistabbilixxi wkoll li l-ilħuq tal-għanijiet tar-REPowerEU se jirrikjedi d-diversifikazzjoni tal-provvista ta' tagħmir tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' materja prima kritika, it-tnaqqis tad-dipendenzi settorjali, l-eliminazzjoni tal-ostakoli fil-katina tal-provvista u l-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa tal-Unjoni. Bħala parti mill-isforzi tagħha biex iżżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, fl-industrija, fil-bini u fit-trasport, il-Kummissjoni tippromovi li żżid il-mira fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għal 45 % sal-2030

³⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, adottata fis-16 ta' Ġunju 2022 bħala parti mill-pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 %.

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju tat-2022 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Pjan REPowerEU, COM/2022/230 final, 18.05.2022.

u li żżid il-mira fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija għal 13 %. Dan iġib il-kapaċitajiet totali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli għal 1236 GW sal-2030, meta mqabbla ma' 1067 GW sal-2030 previsti skont il-proposta tal-2021 u se jkun hemm ħtiġijiet akbar għall-ħżin permezz tal-batteriji biex tiġi indirizzata l-intermittenza fil-grilja tal-elettriku. Bl-istess mod, il-politiki relatati mad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-toroq, bħar-Regolament (UE) 2019/631 u r-Regolament (UE) 2019/1242 se jkunu xprunaturi b'saħħithom għal aktar elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq u b'hekk iżidu d-domanda għall-batteriji.

- (6) It-trasformazzjoni lejn emissjonijiet żero netti diġà qed tikkawża bidliet industrijali, ekonomiċi u ġeopolitiċi kbar madwar id-dinja, li se jsiru dejjem aktar evidenti hekk kif id-dinja tavvanza fl-isforzi tagħha ta' dekarbonizzazzjoni. Il-perkors lejn emissjonijiet żero netti jissarraf f'opportunitajiet b'saħħithom għall-espansjoni tal-industrija tal-Unjoni b'emissjonijiet żero netti, bl-użu tas-saħħa tas-Suq Uniku, billi jiġi promoss l-investiment f'teknoloġiji fil-qasam tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, tat-teknoloġiji tal-elettriku u tal-ħżin tas-sħana, tal-pompi tas-sħana, tat-teknoloġiji tal-grilja, tat-teknoloġiji tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, tal-elettrolizzaturi u taċ-ċelloli tal-fjuwil, tal-fużjoni, tar-reatturi modulari zġħar u tal-fjuwils tal-aqwa klassi relatati, tat-teknoloġiji tal-qbid, tal-użu u tal-ħżin tal-karbonju, u tat-teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-enerġija u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, li jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi ekonomiċi tagħna, mill-provvista tal-enerġija għat-trasport, għall-bini u għall-industrija. Industrija b'saħħitha b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni Ewropea tista' tgħin b'mod sinifikanti biex il-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija jintlaħqu b'mod effettiv, kif ukoll biex jiġu appoġġati objettivi oħra tal-Patt Ekoloġiku, filwaqt li jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir.
- (7) Sabiex jintlaħqu l-miri għall-2030 b'rabta mal-klima u mal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jeħtieġ li tingħata prijorità. L-iffrankar tal-enerġija huwa l-aktar mod irħis, sikur u nadif biex jintlaħqu dawk il-miri. "L-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" huwa prinċipju ġenerali tal-politika tal-enerġija tal-UE u huwa importanti kemm fl-applikazzjonijiet prattiċi tiegħu fid-deċiżjonijiet ta' politika kif ukoll f'dawk ta' investiment. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tiġi estiża għat-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħall-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-grilja intelliġenti, li jgħinu lill-UE tnaqqas u tikkontrolla l-konsum tal-enerġija tagħha.
- (8) L-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-elettrifikazzjoni tad-domanda, pereżempju fil-mobbiltà u l-ħtieġa ta' punti ta' iċċarġjar veloċi, jirrikjedu espansjoni enormi tal-grilji tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea, kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll fil-livell tad-distribuzzjoni. Fil-livell tat-trażmissjoni, huma meħtieġa sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli (HVDC) sabiex jiġu konnessi l-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta; filwaqt li fil-livell ta' distribuzzjoni, il-konnessjoni tal-fornituri tal-elettriku u l-ġestjoni tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda jibnu fuq investimenti f'teknoloġiji innovattivi tal-grilja, bħall-iċċarġjar intelliġenti tal-vetturi elettriċi (EVSC), il-bini tal-effiċjenza enerġetika u l-awtomatizzazzjoni tal-industrija u l-kontrolli intelliġenti, l-infrastruttura tal-arloġġi avvanzati (AMI) u sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija fid-dar (HEMS). Il-grilja tal-elettriku għandha tinteraġixxi ma' ħafna atturi jew apparati abbażi ta' livell dettaljat ta' osservabbiltà, u għalhekk, abbażi ta' disponibbiltà tad-data, biex ikun hemm flessibbiltà u biex l-iċċarġjar intelliġenti u l-bini intelliġenti bi grilji tal-elettriku intelliġenti jkunu jistgħu jippermettu rispons fin-naħa tad-domanda

mill-konsumaturi u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-konnessjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti man-network tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi l-espansjoni sostanzjali tal-kapaċitajiet tal-manifattura għall-grilji tal-elettriku f'oqsma bħall-kejbils, is-substazzjonijiet u t-transformers lil hinn mill-kosta u fuq l-art.

- (9) Huwa meħtieġ sforz ta' politika addizzjonali biex jiġu appoġġati t-teknoloġiji li huma kummerċjalment disponibbli u li għandhom potenzjal tajjeb għal żieda rapida biex jiġu appoġġati l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, tittejjeb is-sigurtà tal-provvista għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, u jiġu ssalvagwardjati jew imsaħħa r-reżiljenza u l-kompetittività ġenerali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Dan jinkludi l-aċċess għal sors sikur u sostenibbli tal-fjuwils fl-aqwa klassi tagħhom, kif deskritt fil-premessa 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214.
- (10) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-2030 hemm bżonn ta' enfasi partikolari fuq xi wħud mit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, anke fid-dawl tal-kontribut sinifikanti tagħhom għall-perkors lejn emissjonijiet żero netti sal-2050. Dawn it-teknoloġiji jinkludu teknoloġiji fotovoltajċi solari u termali solari, teknoloġiji rinnovabbli fuq l-art u lil hinn mill-kosta, teknoloġiji tal-batteriji/tal-ħżin, pompi tas-sħana u teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali, elettrolizzaturi u ċelloli tal-fjuwil, bijogass/bijometan sostenibbli, teknoloġiji tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju u teknoloġiji tal-grilja. Dawn it-teknoloġiji għandhom rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal enerġija nadifa, bi prezz raġonevoli u sigura. Minħabba r-rwol tagħhom, dawn it-teknoloġiji jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri saħansitra aktar rapidi ta' għoti ta' permessi, jiksibu l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli skont il-liġi nazzjonali u jibbenefikaw minn appoġġ addizzjonali biex jinċentivaw l-investimenti.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija futura tal-Unjoni tkun reżiljenti, dan l-iskalar jenħtieġ li jitwettaq tul il-katina tal-provvista kollha tat-teknoloġiji inkwistjoni, f'komplementarjetà sħiħa mal-Att dwar il-Materja Prima Kritika.
- (12) Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Din stabbiliet viżjoni dwar kif għandha titħaffef it-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija aktar integrata, waħda li tappoġġa ekonomija newtrali għall-klima bl-inqas kost fis-setturi kollha. Din tinkludi tliet kunċetti komplementari u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: l-ewwel nett, sistema tal-enerġija aktar "ċirkolari", bl-effiċjenza enerġetika fil-qalba tagħha; it-tieni, elettrifikazzjoni diretta akbar tas-setturi tal-użu finali; it-tielet, l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu, għal applikazzjonijiet tal-użu finali meta t-tisħin dirett jew l-elettrifikazzjoni ma jkunux fattibbli, ma jkunux effiċjenti jew ikollhom kostijiet akbar. Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija jirreferu għal soluzzjonijiet għall-integrazzjoni sħiħa tal-elettriku kollu ġġenerat mill-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema usa' tal-enerġija. Dan ifisser, pereżempju, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu l-integrazzjoni ta' elettriku żejjed iġġenerat minn installazzjonijiet tal-elettriku rinnovabbli, inkluż permezz tal-ħżin fid-diversi forom tiegħu u l-ġestjoni tan-naħa tad-domanda.
- (13) L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju għall-industrija qed jiffaċċja falliment fil-koordinazzjoni. Minn naħa waħda, minkejja l-inċentiv dejjem akbar tal-prezzijiet tas-CO₂ ipprovdut mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, sabiex l-industrija tinvesti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ u

tagħmel investimenti bħal dawn ekonomikament vijabbli, hija tiffaċċja riskju sinifikanti li ma tkunx tista' taċċessa siti ta' ħżin ġeoloġiku permess. Min-naħa l-oħra, l-investituri fl-ewwel siti tal-ħżin tas-CO₂ jiffaċċjaw kostijiet inizjali biex jidentifikawhom u jivvalutawhom anke qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għal permess għall-ħżin regolatorju. It-trasparenza dwar il-kapaċità potenzjali ta' ħżin tas-CO₂ f'termini tal-adegwatezza ġeoloġika taż-żoni rilevanti u d-*data* ġeoloġika eżistenti, b'mod partikolari mill-esplorazzjoni tas-siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi, tista' tappoġġa lill-operaturi tas-suq biex jippjanaw l-investimenti tagħhom. L-Istat Membru jenħtieġ li jagħmel tali *data* disponibbli għall-pubbliku u jirrapporta regolarment f'perspettiva li tħares 'il quddiem dwar il-progress fl-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ u l-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u ħżin hawn fuq, sabiex tintlaħaq b'mod kollettiv il-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂.

- (14) Ostaklu ewlieni għall-investimenti fil-qbid tal-karbonju li illum qed isiru dejjem aktar ekonomikament vijabbli huwa d-disponibbiltà tat-tħaddim ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ fl-Ewropa, li jirfdu l-inċentivi mid-Direttiva 2003/87/KE. Sabiex iżżid it-teknoloġija u tespandi l-kapaċitajiet ta' manifattura ewlenin tagħha, l-UE jeħtieġ li tiżviluppa provvista li tħares 'il quddiem ta' siti ta' ħżin ġeoloġiku permanenti tas-CO₂ permessi f'konformità mad-Direttiva 2009/31/UE³⁶. Billi tiddefinixxi mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, f'konformità mal-kapaċitajiet mistennija meħtieġa fl-2030, is-setturi rilevanti jistgħu jikkoordinaw l-investimenti tagħhom lejn katina tal-valur Ewropea tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ b'Emissjonijiet Żero Netti li l-industriji jistgħu jużaw biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-użu inizjali se jappoġġa wkoll aktar ħżin tas-CO₂ f'perspettiva tal-2050. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-Unjoni jista' jkollha bżonn tiġbor sa 550 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena sal-2050 biex tilħaq l-oġġettiv ta' emissjonijiet zero netti³⁷, inkluż għall-assorbimenti tal-karbonju. Tali kapaċità ta' ħżin fuq skala industrijali tal-ewwel tip tagħha se tneħħi r-riskju mill-investimenti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ bħala għodda importanti biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Meta dan ir-regolament jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni ta' CO₂ sal-2030 se tiġi aġġustata kif xieraq.
- (15) Bid-definizzjoni ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ li jikkontribwixxu għall-mira tal-Unjoni għall-2030 bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, l-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ jista' jiġi aċċellerat u ffaċilitat, u d-domanda industrijali dejjem akbar għas-siti ta' ħżin tista' tiġi indirizzata lejn is-siti ta' ħżin l-aktar kosteffettivi. Volum dejjem akbar ta' żoni tal-gass u taż-żejt li qed jonqsu li jistgħu jiġu kkonvertiti f'siti tal-ħżin sikuri tas-CO₂ jinsabu fi tmiem il-ħajja utli tal-produzzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-industrija taż-żejt u tal-gass affermat id-determinazzjoni tagħha li tibda tranżizzjoni tal-enerġija u għandha l-assi, il-ħiliet u l-ġharfien meħtieġa biex tesplora u tiżviluppa siti ta' ħżin addizzjonali. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, is-settur jeħtieġ li

³⁶ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

³⁷ Analiżi fil-fond b'appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 773 Pjaneta Nadifa għal kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

jiġbor il-kontributi tiegħu biex jiżgura li l-qbid u l-ħżin tal-karbonju bħala soluzzjoni klimatika jkunu disponibbli qabel id-domanda. Sabiex jiġi żgurat żvilupp f'waqtu, madwar l-Unjoni u kosteffettiv tas-siti ta' ħżin tas-CO₂ f'konformità mal-oġettivi tal-UE għall-kapaċità ta' injezzjoni, id-detenturi tal-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-UE jenħtieġ li jikkontribwixxu għal din il-mira *pro rata* tal-kapaċità tagħhom ta' manifattura taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jipprovdu flessibbiltajiet biex jikkooperaw u jqisu kontributi oħra ta' partijiet terzi.

- (16) L-Unjoni għenet fil-bini ta' sistema ekonomika globali bbażata fuq kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli, ħadmet għar-rispett u għall-avvanz tal-istandards ta' sostenibbiltà soċjali u ambjentali, u hija impenjata bis-sħiħ għal dawk il-valuri.
- (17) Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista u jingħata kontribut għall-appoġġ tar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u modernizzazzjoni, il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni jeħtieġ li tespandi. Il-manifatturi tal-Unjoni tat-teknoloġiji fotovoltajċi solari (PV) jeħtieġ li jżidu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jtejbju s-sigurtà tal-perspettivi tal-provvista, billi jimmiraw li jilħqu mill-inqas 30 gigawatt tal-kapaċità operazzjonali tal-manifattura tal-PV solari sal-2030 tul il-katina tal-valur kollha tal-PV, f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari, li hija appoġġata fl-ambitu tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Enerġija solari³⁸. Il-manifatturi tal-Unjoni tat-teknoloġiji tal-pompi tar-riħ u tas-sħana jeħtieġ li jikkonsolidaw il-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jżommu jew jespandu l-ishma attwali tagħhom tas-suq matul dan id-deċennju, f'konformità mal-projezzjonijiet tal-użu tat-teknoloġija tal-Unjoni li jilħqu l-miri tagħha tal-enerġija u tal-klima għall-2030³⁹. Dan jissarraf f'kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għar-riħ ta' mill-inqas 36 GW u, rispettivament, għall-pompi tas-sħana ta' mill-inqas 31 GW fl-2030. Il-manifatturi tal-batteriji u l-elettrolizzaturi tal-Unjoni jeħtieġ li jikkonsolidaw it-tmexxija teknoloġika tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tiswir ta' dawn is-swieq. Għat-teknoloġiji tal-batteriji, dan ikun ifisser li jsir kontribut għall-oġettivi tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji u li jiġi mmirat li kważi 90 % tad-domanda annwali tal-batteriji tal-Unjoni tiġi ssodisfata mill-manifatturi tal-batteriji tal-Unjoni, li jissarraf f'kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni ta' mill-inqas 550 GWh fl-2030. Għall-manifatturi tal-elettrolizzaturi tal-UE, il-pjan tar-REPowerEU jipproġetta 10 miljun tunnellata ta' produzzjoni domestika tal-idroġenu rinnovabbli u sa 10 miljun tunnellata oħra ta' importazzjonijiet tal-idroġenu rinnovabbli sal-2030. Sabiex jiġi żgurat li t-tmexxija teknoloġika tal-UE tissarraf fi tmexxija kummerċjali, kif appoġġat fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tal-Alleanza Ewropea tal-Idroġenu Nadif dwar l-Elettrolizzaturi, jenħtieġ li l-manifatturi tal-elettrolizzaturi tal-UE jkomplu jagħtu spinta lill-kapaċità tagħhom, b'tali mod li l-kapaċità installata globali tal-elettrolizzaturi li tkun qed tiġi implimentata tilħaq tal-anqas 100 GW idroġenu sal-2030.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: L-Istrateġija tal-UE għall-Enerġija Solari, SWD(2022) 148 final, 18.05.2022.

³⁹ Skont l-oġettivi ta' REPowerEU stabbiliti fil-Pjan REPowerEU, COM/2022/230 final, u li jakkumpanja d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Repower EU: Ħtiġijiet ta' Investiment, Aċċelleratur tal-Idroġenu u Kisba tal-Miri tal-Bijometan, li Jakkumpanjaw dan id-Dokument: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Pjan REPowerEU, SWD/2022/230 final, 18.5.2022

- (18) Meta jitqiesu dawn l-oġġettivi flimkien, filwaqt li jitqies ukoll li għal ċerti elementi tal-katina tal-provvista (bħall-invertituri, kif ukoll iċ-ċelloli solari, il-wejfers, u l-ingotti għall-PV solari jew il-katodi u l-anodi għall-batteriji), il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni hija baxxa, il-kapaċità annwali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li sal-2030 kważi toqrob lejn jew tilħaq valur referenzjarju annwali ġenerali tal-manifattura ta' mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet annwali tal-użu għat-teknoloġiji elenkati fl-Anness.
- (19) Iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni Ewropea se tiffaċilita wkoll il-provvista globali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u t-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija nadifa globalment.
- (20) Fl-istess ħin, il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti se jikkontribwixxu għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija nadifa tal-Unjoni. Provvista sigura ta' enerġija nadifa hija prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku, kif ukoll għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika. Il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti se jagħtu wkoll benefiċċji lil setturi ekonomiċi oħrajn strateġikament importanti, bħall-biedja u l-produzzjoni tal-ikel billi jiżguraw aċċess għal enerġija nadifa u makkinarju bi prezzijiet kompetittivi, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel tal-UE u jipprovdu żbokk dejjem akbar għal alternattivi b'bażi bijoloġika permezz tal-ekonomija ċirkolari. Bl-istess mod, it-tweġġ tal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni se jirriżulta kemm fi tkabbir ekonomiku kif ukoll f'benesseri soċjali.
- (21) Sabiex tinżamm il-kompetittività u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi attwali fuq l-importazzjoni fi prodotti ta' teknoloġija ewlenin b'emissjonijiet żero netti u fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, filwaqt li tiġi evitata l-formazzjoni ta' oħrajn ġodda, l-Unjoni jeħtieġ li tkompli ssaħħa il-bażi industrijali netta żero tagħha u ssir aktar kompetittiva u favorevoli għall-innovazzjoni. L-Unjoni jeħtieġ li tippermetti l-iżvilupp tal-kapaċità tal-manifattura aktar malajr, sempliċi u b'mod aktar prevedibbli.
- (22) L-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu abbozzi aġġornati tal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) għall-2021-2030 f'Ġunju 2023⁴⁰. Kif enfasizzat fil-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021-2030⁴¹, il-pjanijiet aġġornati jenħtieġ li jiddeskrivu l-oġġettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-espansjoni tal-proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji, tagħmir u komponenti ewlenin effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju disponibbli kummerċjalment fit-territorju tagħhom. Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jiddeskrivu wkoll l-oġġettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex tinkiseb tali żieda permezz ta' sforzi ta' diversifikazzjoni f'pajjiżi terzi, u biex l-industriji tagħhom ikunu jistgħu jaqdbu u jaħżnu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mod permanenti f'siti tal-ħżin ġeoloġiku.
- (23) Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti⁴² tistabbilixxi approċċ komprensiv biex tiġi appoġġata żieda fit-teknoloġija tal-enerġija nadifa bbażata fuq erba' pilastri. L-ewwel

⁴⁰ L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-2021 sal-2030 sa Ġunju 2023 (abbozzi ta' pjanijiet) u Ġunju 2024 (pjanijiet finali). Ara l-Artikolu 14 u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 2 u l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999.

⁴¹ [Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021 sal-2030 2022/C 495/02](#), (ĠU C 495, 29.12.2022, p. 24).

⁴² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, COM/2023/62 final, 01.02.2023.

pilastru għandu l-għan li joħloq ambjent regolatorju li jissimplifika u jħaffef l-għoti ta' permessi għall-manifattura u s-siti tal-assemblaġġ għodda tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u jiffaċilita ż-żieda tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni. It-tieni pilastru tal-pjan jagħti spinta lill-investiment fil-produzzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-finanzjament tagħha, permezz tal-Qafas Temporanju rivedut dwar il-Kriżi u t-Tranżizzjoni adottat f'Marzu 2023 u l-ħolqien ta' Fond Ewropew għas-Sovranità biex jippreserva l-vantaġġ Ewropew fuq teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-tielet pilastru huwa relatat mal-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa biex isseħħ it-tranżizzjoni u maż-żieda fl-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa fis-settur tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. Ir-raba' pilastru jiffoka fuq il-kummerċ u d-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista ta' materja prima kritika. Dan jinkludi l-ħolqien ta' klabb kritiku tal-materja prima, il-ħidma ma' sħab tal-istess fehma biex jissaħħu b'mod kollettiv il-ktajjen tal-provvista u d-diversifikazzjoni lil hinn minn fornituri uniċi għal input kritiku.

- (24) Skont l-ewwel pilastru, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa u żżomm bażi industrijali għall-forniment ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti biex tiżgura l-provvista tal-enerġija tagħha, filwaqt li tilħaq ukoll l-ambizzjonijiet tagħha dwar in-newtralità klimatika. Sabiex jiġi appoġġat dak il-għan u jiġu evitati d-dipendenzi għall-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jdewmu l-isforzi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li jpoġġu f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex tiġi mhegħa d-domanda għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jkunu sostenibbli u reżiljenti.
- (25) Id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE diġà jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet li jagħtu kuntratti permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku biex jiddependu, minbarra l-prezz jew il-kost, fuq kriterji addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Kriterji bħal dawn jikkonċernaw pereżempju l-kwalità tal-offerta inklużi karatteristiċi soċjali, ambjentali u innovattivi. Meta jagħtu kuntratti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti permezz ta' akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jivvalutaw kif xieraq il-kontribut tal-offerti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fir-rigward ta' serje ta' kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni, l-integrazzjoni tas-sistema tal-offerta u mar-reżiljenza.
- (26) Il-kriterji tas-sostenibbiltà soċjali diġà jistgħu jiġu applikati skont il-leġislazzjoni eżistenti u jistgħu jinkludu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'konformità mal-Artikoli 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. L-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali billi jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet ambjentali, tal-liġi soċjali u tax-xogħol internazzjonali elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE⁴³.

⁴³ L-Avviż tal-Kummissjoni "Ix-Xiri Soċjali - gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi (it-tieni edizzjoni)", C(2021) 3573 final.

- (27) Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġija speċifika, inkluż skont il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli⁴⁴ u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji⁴⁵, u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fih, meta l-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tas-soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero netti akkwistati abbażi ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, id-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità tat-tiswija u l-manutenzjoni; il-faċilità ta' titjib u ta' rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' sustanzi; il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u ta' riżorsi oħra fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; il-piż u l-volum tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu; l-inkorporazzjoni ta' komponenti użati; il-kwantità, il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' oġġetti tal-konsum li huma meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni kif support; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastik; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat; il-kundizzjonijiet għall-użu.
- (28) Sabiex fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku titqies il-ħtieġa li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti lil hinn minn sorsi uniċi ta' provvista skont it-tifsira tal-Artikolu 19(2), u mingħajr preġudizzju għall-impjenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li tal-anqas titqies bħala mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi għal aktar minn 65 % tad-domanda għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.
- (29) Għall-finijiet tal-istabbiliment ta' skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, u mingħajr preġudizzju għall-impjenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li titqies mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi aktar minn 65 % tad-domanda totali għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista annwali li tibda fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tad-distribuzzjoni tal-oriġini ta' prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jaqgħu taħt din il-kategorija, imqassma skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn sorsi differenti fl-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data.
- (30) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE, approvat b'mod partikolari l-emenda għall-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi (il-“GPA”)⁴⁶. L-għan tal-GPA huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u obbligi bbilanċjati marbuta mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li jinkisbu l-liberalizzazzjoni u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-GPA, kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali

⁴⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM/2022/142, 30.03.2022.

⁴⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020, COM/2020/798 final, 10.12.2020.

⁴⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

rilevanti oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-Artikolu III:8(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għall-akkwist minn aġenziji governattivi ta' prodotti mixtrija bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ kummerċjali, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19(1)(d) għall-operaturi ekonomiċi tas-sorsi ta' provvista li huma firmatarji tal-ftehimiet.

- (31) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 19 jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷, u l-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸, skont il-gwida tal-Kummissjoni tal-2019⁴⁹. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal xogħlijiet, provvisti u servizzi soġġetti għall-Artikolu 19, inkluż l-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li tirriżulta mill-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli.
- (32) Il-ponderazzjoni tal-kriterji dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-offerta fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistabbilixxu limitu ogħla għall-kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 41(3) u mal-Premessa 64 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, mal-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE.
- (33) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-ħtieġa li jitqiesu l-kriterji relatati mal-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, b'mod partikolari għal xerrejja pubbliċi iżgħar u għal kuntratti ta' valur aktar baxx li ma għandhomx impatt importanti fuq is-suq, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita għal sentejn għax-xerrejja pubbliċi li ma humiex korpi ċentrali għall-akkwisti u għal kuntratti ta' valur ta' inqas minn EUR 25 miljun.
- (34) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 19, meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jixtru biss il-prodotti li jikkonformaw mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.
- (35) L-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi finali huma parti essenzjali mid-domanda tal-Unjoni għal prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u skemi ta' appoġġ

⁴⁷ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁴⁸ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁴⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Gwida dwar il-parteciċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti ta' pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE, Brussell, 24.7.2019, C(2019) 5494 final.

⁵⁰ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁵¹ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

pubbliku biex jinċentivaw ix-xiri ta' tali prodott mill-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi u konsumaturi vulnerabbli b'introjtu baxx u medju inferjuri, huma għodod importanti biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Skont l-inizjattiva għall-bjut solari mħabbra fl-istrateġija solari tal-UE⁵², l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jistabbilixxu programmi nazzjonali biex jappoġġaw l-użu enormi tal-enerġija solari fuq il-bjut. Fil-pjan REPowerEU, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri ta' appoġġ li jħeġġu l-bdil għall-pompi tas-sħana. Skemi ta' appoġġ bħal dawn stabbiliti fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri jew lokalment mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tat-teknoloġiji tal-UE b'emissjonijiet żero netti. L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li pereżempju jipprovdu kumpens finanzjarju ogħla lill-benefiċjarji għax-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li se jagħtu kontribut ogħla għar-reżiljenza fl-Unjoni. L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jiżguraw li l-iskemi tagħhom ikunu miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fid-domanda għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jillimitaw ukoll il-kumpens finanzjarju addizzjonali għal tali prodotti sabiex ma jnaqqsux l-użu tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' skemi bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-manifatturi tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fuq sit web bla ħlas. L-użu mill-awtoritajiet pubbliċi tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fi skemi mmirati lejn il-konsumaturi jew l-unitajiet domestiċi jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat u għar-regoli tad-WTO dwar is-Sussidji.

- (36) Meta jfasslu skemi ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp wieħed jew aktar irregolati bil-liġi pubblika, jenħtieġ li jiżguraw ir-rispett tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż billi jiżguraw li l-iskemi ma jilhqax daqs li jikkawża preġudizzju serju għall-interess tal-membri tad-WTO.
- (37) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi biex jibnu sinerġiji u jiskambjaw l-aħjar prattiki. Jenħtieġ li l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jkollha wkoll rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-prattiki tagħhom tal-akkwist pubbliku u tal-bejgħ bl-irkant. Din jenħtieġ li toħroġ gwida u tidentifika l-aħjar prattiki dwar kif għandhom jiġu ddefiniti l-kontribut u l-użu tiegħu, filwaqt li tipprovdi eżempji konkreti u speċifiċi.
- (38) Sabiex l-industrija tkun tista' taġġusta l-produzzjoni tagħha fil-ħin, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jinfurmaw lis-suq minn qabel dwar il-ħtiġijiet stmati tagħhom ta' akkwist għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti.

⁵² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Enerġija Solari għar-Rienergizzazzjoni tal-Ewropa, COM(2022) 221 final, 18.05.2022.

- (39) Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, ippubblikata fl-1 ta' Frar 2023, l-ishma mis-suq tal-industrija tal-Unjoni jinsabu taħt pressjoni qawwija, minħabba sussidji f'pajjiżi terzi li jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi. Dan jissarraf fi ħtieġa ta' reazzjoni rapida u ambizzjuża mill-Unjoni fl-immodernizzar tal-qafas legali tagħha.
- (40) L-aċċess għall-finanzjament huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u biex tiġi stabbilita bażi solida ta' manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom madwar l-Unjoni. Il-maġġoranza tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku se jiġu minn kapital privat⁵³ attrirat mill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekosistema b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb, profondi u integrati se jkunu essenzjali biex jinġabru u jiġu diretti l-fondi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, huwa meħtieġ progress rapidu lejn l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex l-UE tilħaq l-oġġettivi tagħha ta' emissjonijiet zero netti. L-aġenda dwar il-finanzi sostenibbli (u l-finanzi mħallta) għandha wkoll rwol kruċjali fl-espansjoni tal-investimenti fit-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, filwaqt li tiggarantixxi l-kompetittività tas-settur.
- (41) Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-introduzzjoni effettiva ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet zero netti tista' teħtieġ appoġġ pubbliku fil-forma ta' għajjnuna mill-Istat. Għajjnuna bħal din irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat li dan l-aħħar għaddew minn reviżjoni fil-fond f'konformità mal-oġġettivi ta' tranżizzjoni doppja jipprovdu possibbiltajiet kbar biex jiġu appoġġati l-investimenti għal proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq permezz ta' appoġġ immirat għall-għajjnuna mill-Istat. Il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni (TCTF) adottat fid-9 ta' Marzu 2023 għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, immirati lejn dawk is-setturi fejn ġie identifikat riskju ta' delokalizzazzjoni ta' pajjiżi terzi, u proporzjonati f'termini ta' ammonti ta' għajjnuna. Dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi li jappoġġaw investimenti ġodda f'faċilitajiet ta' produzzjoni f'setturi definiti u strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, fosthom permezz ta' benefiċċji tat-taxxa. L-ammont ta' għajjnuna permess jista' jiġi modulat b'intensitajiet oġhla ta' għajjnuna u limiti massimi tal-ammont tal-għajjnuna jekk l-investment ikun jinsab f'żoni assistiti, biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Ikun hemm bżonn kundizzjonijiet xierqa biex jiġu vverifikati r-riskji konkreti ta' devjazzjoni tal-investment barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' rilokazzjoni fiż-ŻEE. Sabiex jiġu mmobilizzati r-riżorsi nazzjonali għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw

⁵³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Identifikazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Rkupru tal-Ewropa li Jakkumpanja d-dokument Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-mument tal-Ewropa: Tiswiġa u Thejġija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss, SWD(2020) 98 final, L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa, 27.05.2020.

sehem mid-dħul tal-ETS li l-Istati Membri għandhom jallokaw għal skopijiet relatati mal-klima.

- (42) Diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, InvestEU, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni jew il-Fond għall-Innovazzjoni huma disponibbli wkoll biex jiffinanzjaw investimenti fi proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.
- (43) Ir-Regolament emendat dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁵⁴ għamel disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika u jiġu ssostitwiti l-fjuwils fossili, fost l-oħrajn permezz ta' proġetti tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti. Kif ġie rrimarkat fil-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-kapitoli REPowerEU⁵⁵, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-kapitolu REPowerEU tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, miżuri li jappoġġaw l-investimenti fil-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u fl-innovazzjoni industrijali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶.
- (44) InvestEU huwa l-programm ewlieni tal-UE biex jagħti spinta lill-investment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jipprovdi finanzjament u assistenza teknika, pereżempju permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jinġabar kapital pubbliku u privat addizzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji disponibbli għall-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- (45) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'konformità mar-regoli applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷ biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti f'reġjuni anqas żviluppati u ta' tranżizzjoni permezz ta' pakketti ta' investment ta' infrastruttura, investment produttiv fl-innovazzjoni, il-kapaċità tal-manifattura fl-SMEs, fis-servizzi, fil-miżura ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet, inkluż l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-promoturi. Ir-rati ta' kofinanzjament applikabbli stabbiliti fil-programmi jistgħu jkun sa 85 % għal reġjuni inqas żviluppati u sa 60 % jew 70 % għal reġjuni fi tranżizzjoni skont il-fond ikkonċernat u l-istatus tar-reġjun iżda l-Istati Membri jistgħu jaqbzū dawn il-limiti massimi fil-livell tal-proġett ikkonċernat, fejn fattibbli skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jgħin lill-

⁵⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE, (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

⁵⁵ Avviż tal-Kummissjoni Gwida dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-kuntest tar-REPowerEU 2023/C 80/01, (ĠU C 80, 3.3.2023, p. 1).

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁵⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għall-Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Istati Membri u lir-reġjuni jħejju strateġiji ta' tkabbir b'emissjonijiet zero netti, itejbu l-ambjent tan-negozju, inaqqsu l-burokrazija u jaċċelleraw l-għoti ta' permessi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jippromwovu s-sostenibbiltà ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti billi jinkorporaw dawn l-investimenti fil-ktajjen tal-valur Ewropej, filwaqt li jibnu b'mod partikolari fuq networks ta' kooperazzjoni interreġjonali u transfruntiera.

- (46) Il-Fond għall-Innovazzjoni jipprovdi wkoll perkors promettenti ħafna u kosteffiċjenti biex jappoġġa ż-żieda fil-manifattura u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u teknoloġiji strateġiċi oħra b'emissjonijiet zero netti fl-Ewropa, u b'hekk tissaħħaħ is-sovranità tal-Ewropa f'teknoloġiji ewlenin għall-azzjoni klimatika u s-sigurtà tal-enerġija.
- (47) Fond Ewropew għas-Sovranità jipprovdi tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment. Dan se jgħin fil-preservazzjoni ta' vantaġġ Ewropew fuq teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inklużi teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Dan l-istrument strutturali se jibni fuq l-esperjenza ta' proġetti kkoordinati bejn diversi pajjiżi fl-ambitu tal-IPCEIs u se jfittex li jtejjeb l-aċċess tal-Istati Membri kollha għal proġetti bħal dawn, u b'hekk jissalvagwardja l-koeżjoni u s-Suq Uniku kontra r-riskji kkawżati minn disponibbiltà mhux ugwali tal-Għajnuniet mill-Istat.
- (48) Biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi frammentati attwali tal-investimenti pubbliċi u privati, jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-redditu fuq l-investiment, il-Kummissjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw u joħlqu aħjar sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali kif ukoll jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha rwol ewlieni x'taqdi biex tinbena perspettiva komprensiva tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u rilevanti u biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet ta' finanzjament individwali ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti.
- (49) Sabiex il-proġetti tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jiġu implimentati jew estiżi malajr kemm jista' jkun biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, huwa importanti li tinholq ċertezza fl-ippjanar u fl-investiment billi l-piż amministrattiv fuq il-promoturi ta' proġetti jinżamm minimu. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi tal-Istati Membri għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li tali proġetti jkunu sikuri, siguri, ikollhom prestazzjoni ambjentali, u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tas-sikurezza. Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-proċess u l-kontenut tal-proċessi nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Li jingħata l-istatus ta' Proġett Strateġiku b'Emissjonijiet Żero Netti għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni ta' għoti ta' permessi applikabbli għall-proġetti rilevanti, inklużi dawk stabbiliti fid-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁵⁹, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament

⁵⁸ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

⁵⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹, u d-Direttiva (UE) 2010/75 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶².

- (50) Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' prevedibbiltà, il-kumplessità u xi drabi, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali għall-għoti ta' permessi jimminaw is-sigurtà tal-investiment meħtieġa għall-iżvilupp effettiv ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata u aċċellerata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw proċeduri ssimplifikati u prevedibbli ta' għoti ta' permessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti jingħataw status ta' prijarità fil-livell nazzjonali biex jiġu żgurati trattament amministrattiv rapidu u trattament urġenti fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom, mingħajr ma jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli jissimplifikaw l-għoti ta' permessi għal proġetti oħra ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li ma humiex Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti jew b'mod aktar ġenerali.
- (51) Minħabba r-rwol tagħhom fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-kontribut tagħhom għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-għoti tal-permessi responsabbli jqisu li l-Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti huma fl-interess pubbliku. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħha ta' każ b'każ, awtorità responsabbli tal-għoti ta' permessi tista' tikkonkludi li l-interess pubbliku moqdi mill-proġett jaqbeż l-interessi pubbliċi relatati man-natura u l-ħarsien tal-ambjent u li konsegwentement il-proġett jista' jiġi awtorizzat, dment li l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE⁶³ jiġu ssodisfati.
- (52) Sabiex titnaqqas il-kumplessità u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza, il-promoturi ta' proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero jenħtieġ li jkun jistgħu jinteraġixxu ma' awtorità nazzjonali waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess kollu għall-ħruġ tal-permessi u għall-ħruġ ta' deċiżjoni komprensiva fil-limitu ta' żmien applikabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda. Skont l-organizzazzjoni interna ta' Stat Membru, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiġu ddelegati lil awtorità differenti, soġġetta għall-istess kundizzjonijiet. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħhom, jew lil kwalunkwe awtorità li taġixxi f'isimhom, b'biżżejjed persunal u riżorsi.
- (53) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar l-istatus tal-għoti ta' permessi għal Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti u biex tiġi limitata l-effettività ta' litigazzjoni abbużiva potenzjali, filwaqt li ma jiġi imfixxkel s'harriġ ġudizzjarju effettiv, l-Istati

⁶⁰ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

⁶¹ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsa mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

⁶² Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (riformulazzjoni) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁶³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7-25).

Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe tilwima dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi tiġi solvuta fil-ħin. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-applikanti u l-promoturi ta' proġetti jkollhom aċċess għal proċedura sempliċi għas-soluzzjoni tat-tilwim u li l-Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti jingħataw trattament urġenti fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom filwaqt li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża.

- (54) Sabiex in-negozji u l-promoturi ta' proġetti, inkluż għal proġetti transfruntiera, ikunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali mingħajr bżonn, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁴ jipprevedi regoli ġenerali għall-provvista online ta' proċeduri rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. L-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi sottomessa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala parti mill-proċessi għall-għoti ta' permessi koperti minn dan ir-Regolament għandha tkun koperta fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724 wara l-emendar tiegħu b'dan ir-Regolament, u l-proċeduri relatati huma inklużi fl-Anness II tiegħu sabiex jiġi żgurat li l-promoturi ta' proġetti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċeduri kompletament online u mis-Sistema Teknika ta' Darba Biss. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu bħala punt uniku ta' servizz skont dan ir-Regolament huma inklużi fil-lista ta' servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1724.
- (55) Il-proġetti tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jgħaddu minn proċeduri twal u kumplessi ta' għoti ta' permessi li jdumu bejn sentejn u 7 snin, skont l-Istat Membru, it-teknoloġiji u s-segment tal-katina tal-valur. Meta wieħed iqis id-daqs tal-investimenti meħtieġa – b'mod partikolari għal proġetti ta' daqs gigafactory li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-ekonomiji ta' skala mistennija – l-għoti inadegwat ta' permessi joħloq ostaklu addizzjonali u ta' spiss detrimental biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Sabiex il-promoturi ta' proġetti u investituri oħra jiġu pprovduti bis-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa biex jiżdied l-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-proċess għall-għoti ta' permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stabbiliti minn qabel. Għal Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti, it-tul tal-proċess għall-għoti ta' permessi jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il xahar għal faċilitajiet b'output tal-produzzjoni annwali ta' aktar minn 1 GW, u 9 xhur għal daww b'output tal-produzzjoni annwali ta' inqas minn 1 GW. Għall-proġetti l-oħra kollha ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, it-tul tal-proċess għall-għoti ta' permessi jenħtieġ li ma jaqbiżx it-18-il xahar għall-faċilitajiet b'output ta' produzzjoni annwali ta' aktar minn 1 GW, u 12-il xahar għal daww b'output ta' produzzjoni annwali ta' anqas minn 1 GW. Għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li għalihom il-metrika tal-GW ma hijiex rilevanti, bħal grilji u teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) jew tal-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU), jenħtieġ li japplikaw il-limiti massimi tal-iskadenzi msemmija hawn fuq. Għall-espansjoni tal-linji ta' produzzjoni eżistenti, kull wieħed mil-limiti ta' żmien imsemmija hawn fuq jenħtieġ li jitnaqqas bin-nofs.
- (56) Barra minn hekk, minħabba l-importanza ta' Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti għall-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, ċerti restrizzjonijiet amministrattivi

⁶⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

jenħtieġ li jitneħħew parzjalment jew jiġu ssimplifikati biex titħaffef l-implimentazzjoni tagħhom.

- (57) Il-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-ilma, l-arja, l-ekosistemi, il-habitats, il-bijodiversità u l-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li jiġu evitati jew minimizzati impatti ambjentali negattivi. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jitwettaq kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell ta' ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jinġabru flimkien biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet responsabbli jaqblu b'mod espliċitu dwar l-ambitu tal-valutazzjoni miġbura qabel ma titwettaq il-valutazzjoni biex jiġi evitat segwitu bla bżonn.
- (58) Il-kunflitti dwar l-użu tal-art jistgħu joħolqu ostakli għall-użu ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Pjanijiet imfassla tajjeb, inklużi pjanijiet spazjali u tqassim f'żoni, li jqisu l-potenzjal għall-implimentazzjoni ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u li l-impatti ambjentali potenzjali tagħhom huma vvalutati, għandhom il-potenzjal li jgħinu biex jiġu bbilanċjati l-prodotti u l-interessi pubbliċi, jitnaqqas il-potenzjal għall-kunflitt u jiġi aċċellerat l-użu sostenibbli ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli jenħtieġ li jikkunsidraw l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti meta jiżviluppaw pjanijiet rilevanti.
- (59) Id-*data* u s-servizzi spazjali derivati mill-Programm Spazjali tal-UE, u b'mod partikolari Copernicus, għandhom jintużaw sa fejn ikun possibbli biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-ġeoloġija, il-bijoloġija, l-ekoloġija, l-iżvilupp soċjoekonomiku, u d-disponibbiltà tar-riżorsi għall-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali; tali *data* u servizzi u b'mod partikolari l-kapaċità antropoġenika ta' monitoraġġ u verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' Copernicus huma l-aktar rilevanti biex jiġu vvalutati l-impatt tal-proġetti tal-industrija u l-impatt tal-bjar antropoġeniċi tas-CO₂ fuq il-konċentrazzjonijiet u l-flussi globali tal-gassijiet serra.
- (60) Il-Kummissjoni jenħtieġ li, kif stipulat fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar minn waħda biex jabbozzaw standards Ewropej b'appoġġ għall-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (61) Il-Widien tal-Idroġenu b'applikazzjonijiet industrijali għall-użu finali għandhom rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija. Ir-REPowerEU stabbilixxa l-oġġettiv li jiġi rduppjat l-għadd ta' Widien tal-Idroġenu fl-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-għoti ta' permessi u jikkunsidraw l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u jagħtu prijorità lill-aċċess għall-finanzjament. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-industrija b'emissjonijiet zero netti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-interkonnnessjoni tal-Widien tal-Idroġenu bejn il-fruntieri tal-Unjoni. L-installazzjonijiet industrijali li jipproduċu l-enerġija tagħhom stess, u li jistgħu jipprovdu kontribut pożittiv għall-produzzjoni tal-elettriku,

jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-grilja intelliġenti tal-elettriku bħala produtturi tal-enerġija billi jissimplifikaw ir-rekwiżiti regolatorji.

- (62) L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jistgħu jkunu għodda importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u tat-tagħlim regolatorju. Jeħtieġ li l-innovazzjoni tiġi ffaċilitata permezz ta' spazji ta' esperimentazzjoni peress li l-eżiti xjentifiċi jeħtieġ li jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat ta' dinja reali. Jenħtieġ li jiġu introdotti ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet zero netti f'ambjent ikkontrollat għal ammont limitat ta' żmien. Huwa xieraq li jintlaħaq bilanċ bejn iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-ilħuq tal-oġettivi tad-dritt tal-Unjoni. Peress li l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja dwar emissjonijiet zero netti jridu fi kwalunkwe każ jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali dwar it-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, huwa xieraq li jiġi previst li l-parteċipanti, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet Zero Netti u li jsegwu, b'rieda tajba, il-gwida pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti u t-termini u l-kundizzjonijiet tal-pjan miftiehem ma' daww l-awtoritajiet, ma jkunu soġġetti għall-ebda multa jew penali amministrattiva. Dan huwa ġġustifikat peress li s-salvagwardji stabbiliti, fil-prinċipju, se jiżguraw konformità effettiva mad-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri dwar it-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti ssorveljata fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Fl-2023, il-Kummissjoni se tippubblika dokument ta' Gwida għall-Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja kif imħabbar fl-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejjja tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Daww it-teknoloġiji innovattivi jistgħu eventwalment ikunu essenzjali biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, u konsegwentement jidħlu fl-ambitu ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet zero netti.
- (63) Qed jiġu ppreżentati parametru referenzjarju ġenerali u oġettivi indikattivi għall-manifattura ta' prodotti ewlenin tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni Ewropea sabiex jgħinu fl-indirizzar tat-tħassib dwar id-dipendenza fuq l-importazzjoni u l-vulnerabbiltà u biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija.
- (64) Iż-żieda fl-industrija Ewropej tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti teħtieġ ħaddiema b'ħiliet addizzjonali sinifikanti li jimplika ħtiġijiet importanti ta' investment fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dan għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'konformità mal-miri għall-impjiegi u t-taħriġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-tranżizzjoni enerġetika se teħtieġ żieda sinifikanti fl-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa f'firxa ta' setturi, inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, u għandha potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-sottosettur tal-idroġenu taċ-ċelloli tal-fjuwil fil-manifattura biss huma stmati għal 180 000 ħaddiem, persunal tekniku u inġiniera mħarrġa sas-sena 2030, skont il-Pjan

Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija tal-Kummissjoni⁶⁵. Fis-settur tal-enerġija solari fotovoltajka, se jkunu meħtieġa mhux inqas minn 66 000 impjieg fil-manifattura biss. In-network Ewropew tas-servizzi tal-impjieg (EURES) qed jipprovdi informazzjoni, pariri u reklutaġġ jew kollokament għall-benefiċċju tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, inkluż bejn il-fruntieri tas-suq intern.

- (65) Peress li t-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ewlenin b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni mhux se jkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet mdaqqa, huwa meħtieġ li jiġu introdotti miżuri biex tingħata spinta lill-attivazzjoni ta' aktar persuni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari nisa u żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), inkluż permezz ta' approċċi fejn il-ħiliet jiġu l-ewwel li jikkumplementaw ir-reklutaġġ ibbażat fuq il-kwalifiki. Barra minn hekk, f'konformità mal-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, huwa importanti appoġġ speċifiku għat-tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor għall-ħaddiema f'setturi li ġew iddikjarati żejda u li qed jonqsu. Dan ifisser l-investment fil-ħiliet u fil-ħolqien ta' impjieg ta' kwalità meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Filwaqt li jiġu żviluppati u jitqiesu bis-sħiħ l-inizjattivi eżistenti bħall-Patt tal-UE għall-Ħiliet, l-attivitajiet fil-livell tal-UE dwar l-intelliġenza u t-tbassir tal-ħiliet, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-Pjanijiet ta' azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet, l-oġettiv huwa li jiġu mmobilizzati l-atturi kollha: l-awtoritajiet tal-Istati Membri, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-industrija, b'mod partikolari l-SMEs, biex jidentifikaw il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, jiżviluppaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u jużawhom fuq skala kbira b'mod rapidu u operattiv. Il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom rwol ewlieni x'jaqdu f'dan ir-rigward. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jiżguraw appoġġ finanzjarju inkluż billi jisfruttaw il-possibbiltajiet tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' strumenti bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, ir-REPowerEU u l-Programm tas-Suq Uniku.
- (66) Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenzi preċedenti, bħall-Patt tal-UE għall-Ħiliet u l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li jiżviluppaw u jużaw kontenut ta' edukazzjoni u taħriġ biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-ħaddiema meħtieġa għal ktajjen tal-valur ewlenin tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, bħat-teknoloġiji fotovoltajċi solari u termali solari, it-teknoloġiji tal-idroġenu rinnovabbli u l-materja prima. L-akkademji jkollhom l-għan li jippermettu t-taħriġ u l-edukazzjoni ta' 100 000 student kull waħda minnhom, fi żmien 3 snin mill-istabbiliment tagħhom, biex jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-ħiliet meħtieġa għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Dak il-kontenut jenħtieġ li jiġi żviluppat u użat mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, l-awtoritajiet u s-sħab soċjali rilevanti tal-Istati Membri. Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-industrija u atturi oħra involuti fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fl-Istati Membri, bħas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg, jenħtieġ li jwasslu l-kontenut prodott mill-akkademji. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-portabbiltà tal-ħiliet u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-Akkademji Ewropej tal-Industrija

⁶⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija (SET), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/04888>.

b'emissjonijiet zero netti se jiżviluppaw u jużaw il-kredenzjali, inklużi l-mikrokredenzjali, li jkopru l-kisbiet tat-tagħlim. Dawn jenħtieġ li jinħarġu fil-format tal-kredenzjali Ewropej għat-tagħlim u jistgħu jiġu integrati fil-EUROPASS u, fejn rilevanti, inklużi fl-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki. L-Istati Membri huma mħeġġa jappoġġaw it-taħriġ mill-ġdid kontinwu u t-titjib tal-ħiliet offruti permezz tal-akkademji u l-fornituri rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-territorji tagħhom permezz ta' programmi nazzjonali u finanzjament tal-Unjoni, inkluż mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tgħin biex tiggwida l-ħidma tal-Akkademji u tipprovdi sorveljanza.

- (67) Filwaqt li fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jintroduċu rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-aċċess għal professjoni regolata jew għat-twettiq tagħha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, hija fil-kompetenza ta' Stat Membru biex jiddeċiedi jekk u kif għandu jirregola professjoni, ir-regoli nazzjonali li jorganizzaw l-aċċess għall-professjonijiet regolati ma għandhomx jikkostitwixxu ostakolu mhux ġustifikat jew sproporzjonat għall-eżerċitar ta' daww id-drittijiet fundamentali. Il-kompetenza għar-regolamentazzjoni tal-aċċess għal professjoni trid tiġi eżerċitata fil-limiti tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolament ġdid dwar il-professjonijiet. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu kwalunkwe effett detrimentali li r-regolament jew il-professjonijiet jista' jkollhom fuq id-disponibbiltà ta' ħiliet fl-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u jfittxu li jillimitaw ir-regolament f'dawn l-oqsma sa fejn ikun possibbli.
- (68) Fejn il-programmi ta' tagħlim żviluppatti mill-akkademji Ewropej tal-industrija b'emissjonijiet zero netti jwasslu għal kredenzjali li jkunu ta' assistenza għal persuni li jkunu qed ifittxu aċċess għal professjoni li tkun irregolata, l-Istati Membri jenħtieġ li, sabiex jiffaċilitaw il-mobbiltà fi professjonijiet strateġiċi tal-industrija b'emissjonijiet zero netti, jaċċettaw dawn il-kredenzjali bħala prova suffiċjenti tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma jattestaw.
- (69) Fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, magħmula mill-Istati Membri u ppreseduta mill-Kummissjoni. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar mistoqsijiet speċifiċi u tipprovdi korp ta' referenza, li fih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tkompli twettaq il-kompiti deskritti fl-Artikoli differenti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġoti ta' permessi, inklużi punti uniċi ta' servizz, Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti, koordinazzjoni tal-finanzjament, aċċess għas-swieq u l-ħiliet kif ukoll ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Fejn ikun meħtieġ, il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji u tistieden lil partijiet terzi, bħal esperti jew rappreżentanti minn industriji b'emissjonijiet zero netti.
- (70) Bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti li jkopru teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, li tadotta teknoloġiji b'emissjonijiet zero

netti globalment u li tappoġġa r-rwol tal-kapaċitajiet industrijali tal-UE fit-tnejn tal-perkors lejn it-tranżizzjoni globali tal-enerġija nadifa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jikkoordinaw fi ħdan il-Pjattaforma s-Sħubijiet, jiddiskutu s-sħubijiet u l-proċessi rilevanti eżistenti, bħas-sħubijiet ekoloġiċi, id-djalogi dwar l-enerġija u forom oħra ta' arranġamenti kuntrattwali bilaterali eżistenti, kif ukoll sinerġiji potenzjali mal-ftehimiet bilaterali rilevanti tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi.

- (71) L-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tiddiversifika l-kummerċ u l-investimenti internazzjonali f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u li tippromwovi standards soċjali u ambjentali globalment għoljin li jenħtieġ li jsir f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu segwiti sforzi aktar b'saħħithom ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab f'approċċ miftuħ iżda assertiv.
- (72) Meta s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi ddelegata lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (73) Safejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti minn dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw tali miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.
- (74) Billi l-oġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jista' pjuttost jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas ta' miżuri għall-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni biex tiġi appoġġata l-mira tal-Unjoni għall-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u l-mira tal-Unjoni għan-newtralità klimatika għall-2050, kif definit mir-Regolament (UE) 2021/1119, u biex jiġi żgurat l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' teknoloġiji

- b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u biex jingħata kontribut għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.
2. Sabiex jintlaħaq l-oġettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, dan ir-Regolament fih miżuri bil-għan li jiġi żgurat:
- a) li sal-2030, il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni tat-teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet zero netti elenkati fl-approċċi tal-Anness kważi tilħaq jew tilħaq valur referenzjarju ta' mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet tal-użu annwali tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u mal-enerġija;
 - b) il-moviment liberu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti mqiegħda fis-suq Uniku.
3. Meta, abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 35, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx li ma tilħaqx l-oġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, din għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-proporzjonalità tal-proposta ta' miżuri jew tal-eżerċitar tas-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura l-ilħuq ta' dawk l-oġettivi.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, ħlief għall-Artikoli 26 u 27 ta' dan ir-Regolament, li japplikaw għal teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet zero netti. Il-materja prima, il-materjali pproċessati jew il-komponenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../... [żid nota f'qiegħ il-paġna mar-referenzi tal-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar il-Materja Prima Kritika] għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) "teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti" tfisser teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli⁶⁶; teknoloġiji għall-ħżin tal-elettriku u tas-sħana; pompi tas-sħana; teknoloġiji tal-grilja; fjuwils rinnovabbli ta' teknoloġiji ta' oriġini mhux bijoloġika; teknoloġiji sostenibbli tal-fjuwils alternattivi⁶⁷; elettrolizzaturi u ċelloli tal-fjuwil; teknoloġiji avvanzati għall-produzzjoni tal-enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil, minn reatturi modulari żgħar, u minn fjuwils tal-aqwa klassi relatati; teknoloġiji għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju; u t-teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema

⁶⁶ "enerġija rinnovabbli" tfisser "enerġija rinnovabbli" kif definita fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

⁶⁷ "fjuwils alternattivi sostenibbli" tfisser fjuwils koperti mill-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli, COM/2021/561 final u mill-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu COM/2021/562 final.

tal-enerġija. Dawn jirreferu għall-prodotti finali, għall-komponenti speċifiċi u għall-makkinarju speċifiku li jintuża primarjament għall-produzzjoni ta' daww il-prodotti. Dawn għandhom ikunu laħqu livell ta' pronteżza teknoloġika ta' mill-inqas 8.

- (b) “komponent” tfisser parti żgħira ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li tiġi manifatturata u nneġġjata minn kumpanija li tibda minn materjali pproċessati;
- (c) “teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti” tfisser teknoloġiji li jissodisfaw id-definizzjoni ta' “teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti”, ħliet li ma laħqux livell ta' pronteżza teknoloġika ta' mill-inqas 8, u li jinkludu innovazzjoni ġenwina li bħalissa ma hijiex disponibbli fis-suq u li huma avvanzati biżżejjed biex jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat.
- (d) “proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti” tfisser faċilità industrijali pplanata jew estensjoni jew adattament mill-ġdid ta' faċilità eżistenti li timmanifattura teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
- (e) “proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti” tfisser proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jinsab fl-Unjoni u li jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10;
- (f) “proċess għall-ħruġ tal-permessi” tfisser proċess li jkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-ippjanar, il-bini, l-espansjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi permessi għall-bini, għall-kimika u għall-konnessjoni mal-grilja u valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn dawn ikunu meħtieġa, u jinkludi l-applikazzjonijiet u l-proċeduri amministrattivi kollha mir-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli;
- (g) “deċiżjoni komprensiva” tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li ma jinkludux qراطي jew tribunali li jiddeterminaw jekk promotur ta' proġett huwiex awtorizzat biex jimplementa proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' appell amministrattiv;
- (h) “promotur ta' proġett” tfisser kwalunkwe impriża jew konsorzju ta' impriżi li jiżviluppaw proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti;
- (i) “ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti” tfisser skema li tippermetti lill-impriżi jittestjaw teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti f'ambjent reali kkontrollat, skont pjan speċifiku, żviluppat u mmonitorjat minn awtorità kompetenti.
- (j) “livell ta' pronteżza teknoloġika” tfisser metodu ta' stima tal-maturità tat-teknoloġiji, skont il-klassifikazzjoni li tintuża mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija;
- (k) “awtorità kkonċernata” tfisser awtorità li, skont id-dritt nazzjonali, tkun kompetenti sabiex toħroġ permessi u awtorizzazzjonijiet relatati mal-ippjanar, mad-disinn u mal-kostruzzjoni ta' assi immobbli, li jinkludu l-infrastruttura tal-enerġija;

- (l) “proċedura ta’ akkwist pubbliku” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (i) kwalunkwe tip ta’ proċedura ta’ akkwist koperta mid-Direttiva 2014/24/UE għall-konklużjoni ta’ kuntratt pubbliku jew mid-Direttiva 2014/25/UE għall-konklużjoni ta’ kuntratt ta’ provvista, xogħlijiet u servizz;
 - (ii) proċedura għall-għoti ta’ xogħlijiet jew ta’ konċessjoni ta’ servizz koperta mid-Direttiva 2014/23/UE;
- (m) “awtorità kontraenti” fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser awtorità kontraenti kif definita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(1)(1) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/25/UE;
- (n) “entità kontraenti” fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser entità kontraenti kif definita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/23/UE u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE;
- (o) “kuntratt”, fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser kuntratt pubbliku kif definit fl-Artikolu 2(1)(5) tad-Direttiva 2014/24/UE, “kuntratti” kif definiti f’“kuntratti ta’ provvista, xogħlijiet u servizzi” kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, u “konċessjonijiet” kif definiti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/23/UE;
- (p) “irkant” tfisser mekkaniżmu għal proċeduri kompetittivi ta’ sejħiet għal offerti, li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ “konċessjonijiet” skont l-Artikolu 5(1), tad-Direttiva 2014/23/UE;
- (q) “kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂” tfisser l-ammont annwali ta’ CO₂ li jista’ jiġi injettat f’sit ta’ ħżin ġeoloġiku operazzjonali, permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet jew jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju, b’mod partikolari minn installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira u li jitkejjel f’tunnellati fis-sena;
- (r) “integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija” tfisser soluzzjonijiet għall-ippjanar u t-tħaddim tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, fost id-diversi vetturi tal-enerġija, infrastrutturi u setturi tal-konsum, billi jinħolqu rabtiet aktar sodi bejniethom bl-oġettiv li jitwasslu servizzi tal-enerġija b’livell baxx tal-karbonju, affidabbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u bl-inqas spiża possibbli għas-soċjetà.
- (s) “kapaċità tal-manifattura” tfisser l-ammont totali tal-kapaċità ta’ produzzjoni tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti prodotti f’i proġett ta’ manifattura. Jekk il-proġett ta’ manifattura ma jipproduċix prodotti finali iżda komponenti speċifiċi jew makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta’ tali prodotti, allura l-kapaċità tal-manifattura tirreferi għall-kapaċità tal-output tal-prodott finali li juża tali komponenti jew makkinarju speċifiku li għandu jiġi prodott.

Kapitolu II.

Kundizzjonijiet abilitanti għall-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

TAQSIMA I.

IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PROĊESSI AMMINISTRATTIVI U TAL-GĦOTI TAL- PERMESSI

Artikolu 4

Punt Uniku ta' Servizz

1. Sa ...[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda li għandha tkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, u li tipprovdi pariri dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 5.
2. L-awtorità nazzjonali kompetenti msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur ta' proġett fil-proċess tal-għoti ta' permessi li jwassal għal deċiżjoni komprensiva għal proġett partikolari u għandha tikkordina s-sottomissjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni rilevanti kollha.
3. Ir-responsabbiltajiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti msemija fil-paragrafu 1 jew il-kompiti relatati magħha jistgħu jiġu delegati lil awtorità oħra jew imwettqa minnha għal kwalunkwe proġett partikolari, dment li:
 - (a) l-awtorità nazzjonali kompetenti tinnotifika lill-promotur ta' proġett b'dik id-delega;
 - (b) awtorità waħda tkun responsabbli għal kull wieħed mill-proġetti;
 - (c) awtorità waħda tikkordina s-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha.
4. Il-promoturi ta' proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika.
5. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tqis kwalunkwe studju validu mwettaq, u l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa, għal proġett partikolari qabel ma l-proġett ikun daħal fil-proċess għall-għoti ta' permessi f'konformità ma' dan l-Artikolu u ma għandhiex teħtieġ studji u permessi jew awtorizzazzjonijiet duplikati, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont id-dritt tal-Unjoni.
6. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni dwar u proċeduri sempliċi għas-soluzzjoni tat-tilwim rigward il-proċessi tal-għoti ta' permessi u tal-ħruġ ta' permessi biex jinbnew jew jiġu estiżi l-proġetti, inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-proċessi kollha għall-għoti ta' permessi, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollha għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa, inkluż għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.
8. Il-Pjattaforma msemmija fl-Artikoli 28 u 29 għandha tiddiskuti perġodikament l-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima u l-Artikoli 12 u 13 u taqsam l-aħjar prattiki għall-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għat-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi.

Artikolu 5

Aċċessibbiltà online tal-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-proċessi amministrattivi rilevanti għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, online u b'mod ċentralizzat u faċilment aċċessibbli:

- (a) il-proċess għall-għoti ta' permessi;
- (b) is-servizzi ta' finanzjament u investiment;
- (c) il-possibbiltajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;
- (d) is-servizzi ta' appoġġ għan-negozju, inklużi iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali, il-liġi tax-xogħol.

Artikolu 6

Tul ta' żmien tal-proċess għall-għoti tal-permessi

1. Il-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma għandu jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:
 - (a) 12-il xahar għall-kostruzzjoni ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' inqas minn 1 GW;
 - (b) 18-il xahar għall-kostruzzjoni ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' aktar minn 1 GW.
2. Għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom ma tkejjilx kapaċità annwali ta' manifattura f'GW, il-proċess għall-għoti ta' permessi ma għandux jaqbeż limitu ta' żmien ta' 18-il xahar.
3. Għall-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura fil-faċilitajiet tal-manifattura eżistenti, il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs.
4. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost ikunu jeħtieġu dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 b'massimu ta' xahar qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati, dawn jistgħu jestendu daww il-limiti ta' żmien b'6 xhur oħra, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

5. Fi kwalunkwe każ bħal dan, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-promotur ta' proġett bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni komprensiva tkun mistennija bil-miktub.
6. Mhux aktar tard minn xahar wara li jirċievu l-applikazzjoni għall-għoti ta' permessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalidaw l-applikazzjoni jew, jekk il-promotur ta' proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjoni, jitolbu lill-promotur ta' proġett jissottometti applikazzjoni kompluta fi żmien 14-il jum minn dik it-talba. Id-data tar-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi.
7. Mhux aktar tard minn xahar wara d-data tar-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tfassal, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-promotur ta' proġett u ma' awtoritajiet oħra kkonċernati, skeda dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi. L-iskeda għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(1) fuq sit web ta' aċċess liberu.
8. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri amministrattivi ta' appell u għar-rimedji gudiżzarji quddiem qorti jew tribunal.
9. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Artikolu għal kwalunkwe waħda mill-proċeduri għall-għoti ta' permessi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitu taż-żmien iqsar stabbilit mill-Istati Membri.

Artikolu 7

Valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali

1. Meta trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2011/92/UE, il-promotur ta' proġett ikkonċernat għandu jitlob opinjoni lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tinħareġ mill-aktar fis possibbli u f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-30 jum mid-data li fiha l-promotur ta' proġett ikun issottometta t-talba tiegħu.
2. Meta l-obbligu li jiġu vvalutati l-effetti fuq l-ambjent jirriżulta fl-istess ħin mid-Direttiva 2011/92/UE, mid-Direttiva 92/43/KEE, mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mid-Direttiva 2000/60/KE, mid-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸, mid-Direttiva 2008/98/KE tal-

⁶⁸ Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹, mid-Direttiva 2010/75/UE jew mid-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprevedi proċeduri kkoordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tikkordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġ mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

Skont il-proċedura konġunta msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprevedi valutazzjoni unika tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġ mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

3. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ikkonċernati jhorgu konklużjoni motivata kif imsemmi fil-Artikolu 1(2)(g)(iv) tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dik id-Direttiva u t-tlestija tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 ta' dik id-Direttiva.
4. Il-perjodi ta' żmien għall-konsultazzjoni mal-pubbliku kkonċernat dwar ir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2011/92/UE ma għandhomx ikunu itwal minn 45 jum. F'każijiet li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4), dan il-perjodu għandu jiġi estiż għal 90 jum.

Artikolu 8

Pjanar

1. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet, inklużi t-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet għall-użu tal-art, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom, fejn xieraq, jinkludu f'dawk il-pjanijiet dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti. Għandha tingħata prijorità lill-uċuħ artifiċjali u mibnija, lis-siti industrijali, lis-siti abbandunati, u, fejn xieraq, siti f'żoni hodur li ma jistgħux jintużaw għall-agrikoltura u għall-forestrija.
2. Meta l-pjanijiet jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, ikunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE u skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu kkombinati. Fejn rilevanti, dik il-valutazzjoni kkombinata għandha tindirizza wkoll l-impatt fuq il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati u tivverifika jekk il-pjan jistax jipprevjeni korp tal-ilma milli jikseb status tajjeb jew potenzjal tajjeb jew jikkawża deterjorament tal-istatus jew tal-potenzjal imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE jew potenzjalment ifixkel lil dak il-korp tal-ilma milli jikseb status tajjeb

⁶⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁷⁰ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

jew potenzjal tajjeb. Meta l-Istati Membri rilevanti jkunu meħtieġa jivvalutaw l-impatti tal-attivitajiet eżistenti u futuri fuq l-ambjent tal-baħar, inklużi l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/89/UE, dawn l-impatti għandhom ikunu koperti wkoll mill-valutazzjoni kkombinata.

Artikolu 9

Applikabbiltà tal-Konvenzjonijiet tal-UNECE

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, u skont il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991.
2. Id-deċiżjonijiet kollha adottati skont din it-Taqsima u l-Artikoli 12 u 13 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

TAQSIMA II

PROĠETTI STRATEĠIĊI B'EMISSIONIJET ŻERO NETTI

Artikolu 10

Kriterji tal-għażla

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissionijiet zero netti proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissionijiet zero netti li jikkorrispondu għal xi teknoloġija elenkata fl-Anness u li jinsabu fl-Unjoni li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u li jissodisfaw tal-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissionijiet zero netti jikkontribwixxi għar-reżiljenza teknoloġika u industrijali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni billi jżid il-kapaċità tal-manifattura ta' komponent jew parti fil-katina tal-valur tat-teknoloġiji b'emissionijiet zero netti li għaliha l-Unjoni tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet li jiġu minn pajjiż terz wieħed;
 - (b) il-proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissionijiet zero netti għandu impatt pożittiv fuq il-katina tal-provvista tal-industrija b'emissionijiet zero netti tal-Unjoni, jew fuq is-setturi downstream, lil hinn mill-promotur ta' proġett u mill-Istati Membri kkonċernati, li jikkontribwixxi għall-kompetittività u għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tal-katina tal-provvista tal-industrija b'emissionijiet zero netti tal-Unjoni, skont tal-anqas tlieta mill-kriterji li ġejjin:
 - (i) iżid kapaċità sinifikanti ta' manifattura fl-Unjoni għal teknoloġiji b'emissionijiet zero netti;
 - (ii) jimmanifattura teknoloġiji b'sostenibbiltà u prestazzjoni mtejba;
 - (iii) dan jistabbilixxi miżuri biex tiġi attirata, jittejbu l-ħiliet jew titħarregg mill-ġdid forza tax-xogħol meħtieġa għal teknoloġiji b'emissionijiet zero

netti, inkluż permezz ta' apprendistati, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali;

- (iv) dan jadotta Prattiki komprensivi ta' manifattura b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ċirkolari, inkluż l-irkupru tas-sħana mormija.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti proġetti ta' ħżin tas-CO₂ li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin:
 - (a) is-sit tal-ħżin tas-CO₂ ikun jinsab fit-territorju tal-Unjoni, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS);
 - (b) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 18;
 - (c) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ applika għal permess għall-ħżin ġeoloġiku sikur u permanenti tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.
3. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jikkorrispondu għal teknoloġija elenkata fl-Anness li tinsab f'"reġjuni inqas żviluppati u ta' tranżizzjoni" u f'Territorji ta' Fondi ta' Tranżizzjoni ġusta u eliġibbli għal finanzjament skont ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 11(3) fuq talba tal-promotur ta' proġett mingħajr ma l-promotur ta' proġett ikollu jissottometti applikazzjoni formali skont l-Artikolu 11(2).
4. Proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jinsab fl-Unjoni li jikkontribwixxi għat-tweqqif tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u li jew jibbenefika mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS, jew ikun parti minn Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, Widien tal-Idroġenu Ewropej, jew tal-Bank tal-Idroġenu, meta l-fondi jappoġġaw l-investiment fil-kapaċitajiet tal-manifattura li jikkorrispondu għal teknoloġija elenkata fl-Anness, għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 11(3) fuq talba tal-promotur ta' proġett mingħajr ma l-promotur ta' proġett ikollu jissottometti applikazzjoni formali skont l-Artikolu 11(2).

Artikolu 11

Applikazzjoni u rikonoxximent

1. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġetti ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jiġu ppreżentati mill-promotur ta' proġett lill-Istat Membru rilevanti.
2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) evidenza rilevanti relatata mal-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(1) jew (2);
 - (b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett konsistenti mal-oġġettiv li jinħolqu impjiegi ta' kwalità.
3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' proċess ġust u trasparenti fi żmien xahar. In-nuqqas ta' deċiżjoni mill-

Istati Membri f'dak il-perjodu ta' żmien għandu jikkostitwixxi approvazzjoni tal-proġett.

4. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-proġetti approvati. Fil-każ ta' rifjut tal-applikazzjoni minn Stat Membru, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jissottometti l-applikazzjoni lill-Kummissjoni, li għandha tivvaluta l-applikazzjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol.
5. Meta l-Kummissjoni, wara l-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-paragrafu 4, tikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni mill-Istat Membru, din għandha tinnotifika lill-applikant bil-konklużjoni tagħha fil-forma ta' ittra. Meta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun differenti minn dik tal-Istat Membru, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti l-proġett inkwistjoni.
6. Meta l-Kummissjoni jew Stat Membru jsib li proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti jkun għadda minn bidliet sostanzjali jew li ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(1) jew 10(3), jew meta r-rikonoxximent tiegħu kien ibbażat fuq applikazzjoni li kien fiha informazzjoni żbaljata, dan għandu jinforma lill-promotur ta' proġett ikkonċernat. Wara li jisma' lill-promotur ta' proġett, l-Istat Membru jista' jirrevoka d-deċiżjoni li tagħti proġett l-istatus ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti.
7. Il-proġetti li ma jibqgħux rikonoxxuti bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti għandhom jiġilfu d-drittijiet kollha marbuta ma' dak l-istatus skont dan ir-Regolament.
8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru disponibbli b'mod miftuħ ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti.

Artikolu 12

Status ta' prijorità ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

1. Il-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet kollha li, skont il-liġi nazzjonali, huma kompetenti biex joħorġu diversi permessi u awtorizzazzjonijiet relatati mal-ippjanar, id-disinn u l-konstruzzjoni ta' assi immobbli, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija, għandhom jiżguraw li għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, daww il-proċessi jiġu ttrattati bl-aktar mod rapidu possibbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.
2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi previsti fid-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu lil proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli, meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, u jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-għoti ta' permessi inklużi daww relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan, għall-ippjanar spazjali.
3. Proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni u għalhekk li jkunu fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikoli 6(4) u 16(1)I tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2009/147/KE, proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku u jistgħu jitqiesu li huma ta' interess pubbliku prevalenti dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'daww id-Direttivi.

4. Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji relatati ma' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, bord nazzjonali, inklużi l-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fil-liġi nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet normalment applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Il-promoturi ta' proġetti ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jipparteċipaw f'tali proċedura ta' urġenza, fejn applikabbli.

Artikolu 13

Durata tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

1. Il-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti ma għandu jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:
 - (a) 9 xhur għall-kostruzzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' inqas minn 1 GW;
 - (b) 12-il xahar għall-kostruzzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' aktar minn 1 GW;
 - (c) 18-il xahar għall-permessi kollha meħtieġa biex jiġi operat sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.
2. Għal teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti li għalihom il-kapaċità annwali tal-manifattura ma tkejjilx f'GW, il-proċess għall-għoti ta' permessi ma għandux jaqbeż limitu ta' żmien ta' 12-il xahar.
3. Għall-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura fil-faċilitajiet tal-manifattura eżistenti, il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs.
4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemmija f'dan l-Artikolu jirriżulta fil-passi intermedjarji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala approvati, ħlief meta l-proġett speċifiku jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, 2011/92/UE jew id-Direttiva 2012/18/UE jew determinazzjoni ta' jekk tali valutazzjoni tal-impatt ambjentali hijiex meħtieġa u l-valutazzjonijiet rilevanti kkonċernati għadhom ma twettqux, jew meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fis-sistema legali nazzjonali. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċess, li għandhom ikunu espliċiti. Id-deċiżjonijiet għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 14

Aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet biex jaċċelleraw u jінcentivaw l-investimenti privati fi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti. Tali attivitajiet jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 tat-TFUE, jinkludu l-għoti u l-koordinazzjoni ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti li jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni rapida u effettiva tagħhom, inkluż billi jipprovdu:
- (a) assistenza biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli;
 - (b) assistenza lill-promoturi ta' proġetti biex ikomplu jżidu l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġett.

Artikolu 15

Koordinazzjoni tal-finanzjament

1. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti kif stabbilita fl-Artikolu 28 għandha tiddiskuti l-ħtiġijiet finanzjarji u l-ostakoli ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, l-aħjar prattiki potenzjali, b'mod partikolari biex jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista transfruntieri tal-UE, b'mod partikolari abbażi ta' skambji regolari mal-alleanzi industrijali rilevanti.
2. Fuq talba tal-promotur ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti u tagħti pariri dwar kif il-finanzjament tal-proġett tagħha jista' jittejjera, filwaqt li jitqies il-finanzjament diġà garantit u jitqiesu tal-anqas l-elementi li ġejjin:
- (a) sorsi privati addizzjonali ta' finanzjament;
 - (b) l-appoġġ permezz ta' riżorsi mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn inkluż il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;
 - (c) l-istrumenti u l-programmi eżistenti tal-Istati Membri, inkluż minn banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali;
 - (d) il-finanzjament u l-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni.

Kapitolu III

Kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

Artikolu 16

Objettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

Għandha tinkiseb kapaċità annwali ta' injezzjoni ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂ sal-2030, f'siti tal-ħżin li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, iż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u li ma humiex ikkombinati ma' Rkupru Assistit tal-Idrokarburi (EHR).

Artikolu 17

Trasparenza tad-data dwar il-kapaċità tal-ħżin tas-CO₂

1. Sa 3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-*data* dwar iż-żoni fejn is-siti tal-ħżin tas-CO₂ jistgħu jiġu permessi fit-territorju tagħhom.
 - (b) jobbligaw lill-entitajiet li jkollhom awtorizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ fit-territorju tagħhom biex jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-*data* ġeoloġika kollha relatata mas-siti ta' produzzjoni li jkunu ġew dekommissjonati jew li d-dekommissjonar tagħhom ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti.
 - (c) Għall-finijiet tal-punt (a), id-*data* għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni mitluba fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-2021-2030.
2. Sa 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sena wara dan, kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapport li jiddeskrivi:
- (a) il-proġetti li jkunu għaddejjin għall-qbid tas-CO₂ u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin;
 - (b) il-proġetti li jkunu għaddejjin għall-ħżin tas-CO₂ fit-territorju tiegħu, inkluż l-istatus tal-ġhoti ta' permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, id-dati mistennija għad-Deċiżjoni finali dwar l-Investment (FID) u d-dħul fis-seħħ;
 - (c) il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li jistgħu jiġu adottati biex jiġu promossi proġetti msemija fil-punti (a) u (b).

Artikolu 18

Kontribut tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass

1. Kull entità li jkollha awtorizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 94/22/KE għandha tkun soġġetta għal kontribut individwali għall-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ disponibbli stabbilita fl-Artikolu 16. Dawk il-kontributi individwali għandhom jiġu kkalkolati *pro rata* abbażi tas-sehem ta' kull entità fil-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom jikkonsistu fil-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ f'sit tal-ħżin permess f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u disponibbli għas-suq sal-2030.
2. Fi żmien 3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jirrapportaw lill-Kummissjoni Ewropea l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-volumi tagħhom fil-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023.
3. Wara li jaslu r-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, għandha tispeċifika s-sehem tal-kontribut għall-oġġettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

⁷¹ Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-ġhoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

4. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni pjan li jagħti dettalji dwar kif għandhom l-intenzjoni li jissodisfaw il-kontribut tagħhom għall-oġettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ tal-Unjoni sal-2030. Dawk il-pjanijiet għandhom:
 - (a) jikkonfermaw il-kontribut tal-entità, espress f'termini ta' volum immirat ta' kapaċità ġdida ta' ħżin u injezzjoni tas-CO₂ ikkummissjonata sal-2030;
 - (b) jispeċifikaw il-mezzi u l-istadji importanti biex jintlaħaq il-volum fil-mira.
5. Sabiex jissodisfaw il-volumi fil-mira tagħhom tal-kapaċità ta' injezzjoni disponibbli, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jagħmlu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) jiżviluppaw proġetti ta' ħżin tas-CO₂ waħedhom jew f'kooperazzjoni;
 - (b) jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet oħra msemmija fil-paragrafu 1;
 - (c) jidħlu fi ftehimiet ma' żviluppaturi jew investituri ta' proġetti ta' ħżin ta' partijiet terzi biex iwettqu l-kontribut tagħhom.
6. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni li jagħti dettalji dwar il-progress tagħhom lejn il-kisba tal-kontribut tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex tissupplimenta dan ir-Regolament rigward:
 - (a) Il-modalitajiet li bihom jitqiesu l-ftehimiet bejn l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin miżmuma minn partijiet terzi biex jissodisfaw il-kontribut individwali tagħhom skont il-paragrafu 5(b) u (c).
 - (b) Il-kontenut tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 6.

Kapitolu IV.

Aċċess għas-swieq

Artikolu 19

Kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku

1. L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness fi proċedura ta' akkwist pubbliku fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, u li tinkludi mill-inqas il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE u l-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż il-GPA u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni.
2. Il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji kumulattivi li ġejjin li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji:

- (a) is-sostenibbiltà ambjentali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-leġislazzjoni applikabbli;
 - (b) fejn jeħtieġ li tiġi żviluppata soluzzjoni innovattiva, l-impatt u l-kwalità tal-pjan ta' implimentazzjoni, inklużi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju;
 - (c) fejn applikabbli, il-kontribut tal-offerta għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija;
 - (d) il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza, filwaqt li jitqies il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw minn sors uniku ta' provvista, kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷², li minnu aktar minn 65 % tal-provvista għal dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni toriġina fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data meta ssir l-offerta.
3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu piż ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni lill-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 67(5) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 82(5) tad-Direttiva 2014/25/UE biex tingħata ponderazzjoni ogħla lill-kriterji msemmija fil-paragrafu 2(a) u (b).
4. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliġa lil dik l-awtorità jew entità sabiex takkwista tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati, jew karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżultaw f'inkompatibbiltà, f'diffikultajiet tekniċi fl-operat u fil-manutenzjoni. Id-differenzi fil-kostijiet ogħla minn 10 % jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu esklużi offerti baxxi b'mod anormali skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr preġudizzju għal kriterji oħra għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti skont il-leġislazzjoni tal-UE, inklużi aspetti soċjali skont l-Artikoli 30(3) u 36(1), it-tieni intenzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikoli 18(2) u 67(2) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikoli 36(2) u 82(2) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Artikolu 20

Irkantijiet għall-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, u għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni inkluż il-GPA u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew minn assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolati mid-dritt pubbliku, għandhom jivvalutaw il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament meta jfasslu l-kriterji li jintużaw għall-ikklassifikar tal-offerti fil-qafas tal-irkantijiet, li l-għan

⁷² Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

tagħhom huwa li jappoġġaw il-produzzjoni jew il-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

2. Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza għandu jingħata piż ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata ponderazzjoni oġġettiva lill-kriterji fl-Artikolu 19(2)(a) u (b), fejn applikabbli skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni, u ta' kwalunkwe limitu għall-kriterji mhux tal-prezz stabbiliti skont ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat.
3. L-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolati bil-liġi pubblika ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga lil dawk l-entitajiet jakkwistaw tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati, jew karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżultaw f'inkompatibbiltà, diffikultajiet tekniċi fl-operat u f'manutenzjoni. Id-differenzi fil-kostijiet ta' aktar minn 10 % jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti.

Artikolu 21

Forom oħra ta' intervent pubbliku

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2018/2001⁷³ u f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, meta jiddeċiedu li jstabbilixxu skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità jew awtoritajiet jew minn tali korp jew korpi rregolati bil-liġi pubblika, għandhom ifassluhom b'tali mod li jippromwov u x-xiri mill-benefiċjarji ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti b'kontribut għoli għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi fl-Artikolu 19(2), billi jipprovdu kumpens finanzjarju proporzjonat addizzjonali.
2. Il-kumpens finanzjarju addizzjonali mogħti mill-awtoritajiet f'konformità mal-paragrafu 1, minħabba l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 19(2)(b)(c) u (d) ma għandux jaqbeż il-5 % tal-kost tal-prodott finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għall-konsumatur.
3. Meta tfassal u timplimenta skema li taqa' taħt il-paragrafu 1, l-awtorità għandha tibbaża fuq proċess miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti biex tivvaluta l-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli fis-suq. Kwalunkwe prodott finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għandu jkun intitolat li japplika biex jissieħeb fl-iskema fi kwalunkwe ħin. L-awtorità għandha tispeċifika l-minimu meħtieġ biex il-prodotti jkunu eliġibbli għall-kumpens finanzjarju addizzjonali fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ.

⁷³ Id-Direttiva 2018/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw fuq sit web uniku b'aċċess liberu l-informazzjoni kollha relatata mal-iskemi skont l-Artikolu 21(1) għal kull prodott ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti rilevanti.

Artikolu 22

Koordinazzjoni tal-aċċess għall-inizjattivi tas-swieq

1. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli koperti mill-forom ta' intervent pubbliku koperti mill-Artikoli 19, 20 u 21.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli u taġġorna regolarment lista ta' kull wieħed mill-prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness, diżaggregati skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn pajjiżi terzi differenti fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data.
3. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti l-miżuri mwettqa mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Artikoli 19 u 21 u jiskambjaw l-aħjar prattiki, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-użu prattiku tal-kriterji li jiddefinixxu l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fl-akkwist pubbliku, jew skemi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti.

Kapitolu V.

Tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità

Artikolu 23

Akkademji Ewropej ta' Industrij b'Emissjonijiet Żero Netti

1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa, inkluż permezz tal-għoti ta' finanzjament inizjali, l-istabbiliment ta' Akkademji Ewropej ta' Industrij b'Emissjonijiet Żero Netti, li għandhom bħala l-oġettivi tagħhom li:
 - (a) jiżviluppaw programmi ta' tagħlim, kontenut u materjal ta' tagħlim u taħriġ għat-taħriġ u l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-installazzjoni, l-ikkummissjonar, it-tħaddim, iż-żamma u r-riċiklaġġ ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, dwar il-materja prima, kif ukoll biex jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti sabiex joħroġu permessi u awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II u l-awtoritajiet kontraenti msemmija fil-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jippermettu u jipromwovu l-użu tal-programmi ta' tagħlim, tal-kontenut u tal-materjali mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, fost l-oħrajn billi jħarrġu lill-harriġa u jiżviluppaw mekkaniżmi biex jiżguraw il-kwalità tat-taħriġ offrut mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri abbażi tal-programmi ta' tagħlim, il-kontenut u l-materjali msemmija hawn fuq;
 - (c) jiżviluppaw u jużaw kredenzjali, inklużi mikrokredenzjali, biex tiġi ffaċilitata t-trasparenza tal-ħiliet miksuba u tissaħħaħ it-trasferibbiltà bejn l-impjiegi u l-mobbiltà transfruntiera tal-forza tax-xogħol, u biex jiġi promoss it-tqabbil mal-

impjiegi rilevanti permezz ta' għodod bħan-network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) u l-EURAXESS.

2. L-Akkademji Ewropej tal-Industriji b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jiġġieldu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu attivati aktar nisa u żgħażaġh, li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjeg jew fit-taħriġ għas-suq tax-xogħol.

Artikolu 24

Professjonijiet regolati f'Industriji b'Emissjonijiet Żero Netti u r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali

1. Sal-31 ta' Diċembru 2024 u kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw jekk il-programmi ta' tagħlim żviluppatti mill-akkademji Ewropej tal-industriji b'emissjonijiet żero netti humiex ekwivalenti għall-kwalifiki speċifiċi meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex jaċċessa attivitajiet regolati fl-ambitu ta' professjoni b'interess partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati u aċċessibbli faċilment online.
2. Jekk Stat Membru jikkonkludi li hemm ekwivalenza, kif deskritt fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, dan għandu jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kredenzjali maħruġa mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ abbażi tal-programmi ta' tagħlim żviluppatti mill-akkademji, skont it-Titolu III, il-Kapitolu I tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁴, kull meta detentur ta' tali kredenzjali jitlob aċċess għal professjoni regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE, u ta' importanza partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti, billi jiġu aċċettati l-kredenzjali bħala evidenza suffiċjenti ta' kwalifiki formali.
3. Meta l-aċċess għal professjoni ta' importanza partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti jkun regolat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' sett komuni ta' għarfien minimu, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-twettiq ta' din il-professjoni speċifika bil-għan li jiġi stabbilit Qafas Komuni ta' Taħriġ kif imsemmi fl-Artikolu 49a (1) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex ikun jista' jsir rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki. Il-Pjattaforma tal-Industriji b'Emissjonijiet Żero Netti tista' tissottometti wkoll suġġerimenti kif imsemmi fl-Artikolu 49a (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 25

Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti u l-ħiliet

Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti msemija fl-Artikolu 28 għandha tappoġġa d-disponibbiltà u l-użu tal-ħiliet f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u fl-awtoritajiet kompetenti u fl-awtoritajiet kontraenti msemija fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, permezz tal-kompiti li ġejjin:

⁷⁴ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (1) tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni, fil-monitoraġġ kontinwu u fit-tbassir tad-domanda u tal-provvista ta' forza tax-xogħol bis-settijiet ta' ħiliet meħtieġa f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u d-disponibbiltà u l-użu ta' opportunitajiet korrispondenti ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li tinforma kif xieraq l-attivitajiet tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- (2) tissorvelja l-attività tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u tal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ li joffru l-programmi ta' taġħlim żviluppati mill-Akkademji, trawwem sinerġiji ma' inizjattivi u proġetti oħra ta' ħiliet nazzjonali u tal-Unjoni, u tipprovdi sorveljanza;
- (3) tassisti l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati inklużi l-industrija, is-sħab soċjali u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' taġħlim żviluppati mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- (4) tassisti l-adozzjoni u r-rikonossiment tal-kredenzjali tat-taġħlim tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti fl-Istati Membri biex jiġu promossi r-rikonossiment tal-ħiliet u t-tqabbil tal-ħiliet u l-impjiegi, fost l-oħrajn billi tippromwovi l-validità u l-aċċettazzjoni tal-kredenzjali fis-suq tax-xogħol kollu tal-Unjoni Ewropea;
- (5) tiffaċilita l-iżvilupp ta' profili ta' okkupazzjoni Ewropej li jikkonsistu f'sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi għall-professjonijiet ewlenin fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li tiżviluppa fost l-oħrajn fuq il-programmi ta' taġħlim żviluppati mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, u, fejn xieraq, permezz tat-terminoloġija pprovduta mill-klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) biex jiġu ffaċilitati t-trasparenza u l-mobbiltà bejn l-impjiegi u bejn il-fruntieri tas-suq intern;
- (6) tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati f'impjiegi f'industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, l-attivazzjoni taż-żgħażaġħ, tan-nisa u tal-anzjani fis-suq tax-xogħol għal industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi, u b'hekk tinkiseb forza tax-xogħol aktar diversa;
- (7) tiffaċilita koordinazzjoni aktar mill-qrib u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri biex itejbu d-disponibbiltà tal-ħiliet fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi tikkontribwixxi għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jattiraw talenti ġodda minn pajjiżi terzi.

Kapitolu VI.

Innovazzjoni

Artikolu 26

Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq inizjattiva taġħhom stess, jistabbilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li jippermettu l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti, f'ambjent reali kkontrollat għal żmien limitat qabel it-tqegħid taġħhom fis-suq jew fis-servizz, u b'hekk jissaħħu t-taġħlim regolatorju u l-espansjoni potenzjali u l-użu usa'. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ambjenti

ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti f'konformità mal-paragrafu 1 fuq talba ta' kwalunkwe kumpanija li tiżviluppa teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti, li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla msemmija fil-paragrafu 4(a) u li tkun intgħażlet mill-awtoritajiet kompetenti wara l-proċedura tal-għażla msemmija fil-paragrafu 4(b).

2. Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36. Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jappoġġaw il-flessibbiltà għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jistabbilixxu u joperaw l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, irawmu l-innovazzjoni u t-tagħlim regolatorju u għandhom b'mod partikolari jqisu ċ-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet speċjali tal-SMEs parteċipanti, inklużi n-negozji ġodda. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu prinċipji ewlenin komuni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-eliġibbiltà u l-għażla għall-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
 - (b) il-proċedura għall-applikazzjoni, il-parteċipazzjoni, il-monitoraġġ, il-ħruġ minn u t-terminazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni u r-rapport tal-ħruġ;
 - (c) it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-parteċipanti.
3. Il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma għandhiex taffettwa s-setgħat superviżorji u korrettivi tal-awtoritajiet li jissorveljaw l-ambjent ta' esperimentazzjoni. L-ittestjar, l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti għandhom isiru taħt is-superviżjoni diretta u l-gwida tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom b'mod flessibbli fi ħdan il-limiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti, filwaqt li jadattaw il-prattiki regolatorji eżistenti u jużaw is-setgħat diskrezzjonali tagħhom meta jimplimentaw u jinfurzw id-dispożizzjonijiet legali għal proġett speċifiku ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, bl-oġġettiv li jiġu eliminati l-ostakli, jittaffa l-piż regolatorju, titnaqqas l-inċertezza regolatorja, u tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.
4. Fejn rilevanti biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-ġhoti ta' derogi jew eżenzjonijiet sal-punt permess mid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni jiżgura r-rispett għall-oġġettivi ewlenin u r-rekwiżiti essenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe riskju sinifikanti għas-saħħa, għas-sikurezza jew għall-ambjent identifikat matul l-iżvilupp u l-ittestjar ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti jiġi kkomunikat pubblikament u jirriżulta f'sospensjoni immedjata tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittestjar sakemm tali riskju jiġi mmitigat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, tal-popolazzjoni ġenerali, jew tal-ambjent, b'mod partikolari minħabba li huwa relatat mal-ittestjar, l-iżvilupp jew il-validazzjoni li jinvolvu sustanzi partikolarment tossiċi, dawn għandhom

japprovaw biss il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni ladarba jkunu sodisfatti li ġew stabbiliti salvagwardji adegwati proporzjonati mar-riskju eċċezzjonali identifikat.

5. Sakemm il-parteċipant(i) jirrispetta(w) il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni u t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħhom maħruġa f'konformità ma' dan l-Artikolu u kif imsemmi fil-paragrafu 2 u jsegwu b'rieda tajba l-gwida mogħtija mill-awtoritajiet, l-ebda multa amministrattiva jew penali oħra ma għandha tiġi imposta mill-awtoritajiet għall-ksur tal-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni jew tal-Istati Membri relatata mat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ssorveljata fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.
6. Il-parteċipanti fl-ambjenti innovattivi ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'emissjonijiet żero netti għandhom jibqgħu responsabbli skont il-leġislazzjoni dwar ir-responsabbiltà applikabbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil partijiet terzi bħala riżultat tal-ittestjar li jseħħ fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja.
7. It-tul ta' żmien tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jista' jiġi estiż permezz tal-istess proċedura bi qbil mal-awtorità nazzjonali kompetenti.
8. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jitfasslu u jiġu implimentati b'tali mod li, fejn rilevanti, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri li jkunu stabbilew ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti bl-oġettivi tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti. Dawn għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, inklużi l-prattiki tajbin, it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-istabbiliment tagħhom u, fejn rilevanti, dwar l-applikazzjoni fi ħdan l-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' dan ir-Regolament u leġislazzjoni oħra tal-Unjoni b'mod adattat għall-finijiet tal-ambjent ta' esperimentazzjoni.

Artikolu 27

Miżuri għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jipprovdu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju b'aċċess prijoritarju għall-ambjenti innovattivi ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet Żero Netti sal-punt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 26;
 - (b) jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
 - (c) meta xieraq, jistabbilixxu mezz iddedikat għall-komunikazzjoni ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jipprovdu gwida u jwieġbu għal domandi dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 26.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jipprovdu appoġġ amministrattiv adegwat biex jieħdu sehem fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-attivitajiet tagħhom fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

Kapitolu VII.

Governanza

Artikolu 28

Stabbiliment u kompiti tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti

1. Qiegħda tiġi stabbilita l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti ("il-Pjattaforma").
2. Il-Pjattaforma għandha twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Il-Pjattaforma tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fir-rigward tal-azzjonijiet tagħhom biex jilhqgħu l-oġettivi deskritti fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis il-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-enerġija u l-klima ppreżentati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999⁷⁵.
4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jikkoordinaw fi ħdan il-Pjattaforma dwar is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti u wkoll ma' pajjiżi terzi rilevanti biex jgħinu fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti globalment u biex jappoġġaw ir-rwol tal-kapaċitajiet industrijali tal-Unjoni fit-tħejjija tal-perkors għat-tranżizzjoni globali lejn l-enerġija nadifa, f'konformità mal-oġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament li jirriżultaw mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Il-Pjattaforma tista' tiddiskuti perjodikament:
 - (a) kif għandha tittejjeb il-kooperazzjoni tul il-katina tal-valur b'emissjonijiet żero netti bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;
 - (b) kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ, bħal permezz ta' rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjoni tal-konformità jew l-impenji biex jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni;
 - (c) liema pajjiżi terzi jenħtieġ li jingħataw prijorità għall-konklużjoni ta' Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, filwaqt li jitqiesu dawn li ġejjin:
 - i) il-kontribut potenzjali għas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-manifattura tagħhom ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;

⁷⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.), (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- ii) jekk hemmx ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti bejn pajjiż terz u l-Unjoni.
5. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kooperazzjoni stabbiliti fis-Sħubija Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti. Is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti se jkollhom l-oġettiv li jiffaċilitaw il-kummerċ fost il-parteċipanti, inkluż billi jiffavorixxu l-investimenti meħtieġa fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, itejbu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur ta' appoġġ, u jiggwarantixxu kundizzjonijiet ekwi.

Artikolu 29

Struttura u funzjonament tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti

1. Il-Pjattaforma għandha tkun magħmula mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresediha.
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant ta' livell għoli għall-Pjattaforma. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru jista' jkollu aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti relatati mal-ħidma tal-Pjattaforma. Kull membru tal-Pjattaforma għandu jkollu sostitut.
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Pjattaforma għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.
4. Il-Pjattaforma għandha tiltaqa' f'intervalli regolari biex tiżgura t-tweqqif effettiv tal-kompiti tagħha speċifikati f'dan ir-Regolament. Fejn ikun meħtieġ, il-Pjattaforma għandha tiltaqa' fuq talba motivata tal-Kummissjoni jew fuq maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.
5. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Pjattaforma permezz ta' segretarjat eżekuttiv li jipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku.
6. Il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji li jittrattaw kwistjonijiet u kompiti speċifiċi.
7. Il-Pjattaforma għandha tistieden rappreżentanti tal-Parlament Ewropew biex jattendu, bħala osservaturi, il-laqgħat tagħha, inkluż tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 6.
8. Fejn xieraq, il-Pjattaforma jew il-Kummissjoni tista' tistieden esperti u partijiet terzi oħra għal-laqgħat tal-Pjattaforma u tas-sottogruppi jew jipprovdu kontributi bil-miktub.
9. Il-Pjattaforma għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-immaniġġjar u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.
10. Il-Pjattaforma għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tasal għal kunsens.
11. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera mal-alleanzi industrijali eżistenti.

Artikolu 30

Artikolazzjoni mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima

L-Istati Membri għandhom iqisu dan ir-Regolament meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom, sottomessi skont l-

Artikoli 3, 9, u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni “riċerka, innovazzjoni u kompetittività” tal-Unjoni tal-Enerġija, u fis-sottomissjoni tar-rapporti ta' progress biennali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

Kapitolu VIII.

Monitoraġġ

Artikolu 31

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi kontinwa:
 - (a) il-progress tal-Unjoni fir-rigward tal-oġġettivi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1, u l-impatt relatat ta' dan ir-Regolament;
 - (b) il-progress fir-rigward tal-oġġettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ imsemmi fl-Artikolu 16.
2. L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali li jaħtru għal dan il-għan għandhom jiġbru u jipprovdu *data* u evidenza oħra meħtieġa skont il-paragrafu 1(a) u (b). B'mod partikolari, dawn għandhom jiġbru u jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni *data* dwar:
 - (a) l-iżviluppi u x-xejriet tas-suq fir-rigward tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi l-kostijiet medji tal-investiment fil-manifattura u l-kostijiet tal-produzzjoni, u l-prezzijiet tas-suq għat-teknoloġiji rispettivi b'emissjonijiet zero netti;
 - (b) il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-attivitajiet relatati, inkluża *data* dwar l-impjiegi u l-ħiliet u l-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-2030 imsemmija fil-premessa 13;
 - (c) il-valur u l-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti;
 - (d) it-tul medju tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi skont dan ir-Regolament;
 - (e) it-tipi u l-għadd ta' permessi mogħtija fil-livell nazzjonali f'dawn l-aħħar 12-il xahar;
 - (f) l-ammont ta' proċessi għall-għoti ta' permessi kompluti, wieqfa jew ikkanċellati f'dawn l-aħħar 12-il xahar u t-tipi ta' ostakli li wieħed jiltaqa' magħhom f'każ ta' interruzzjoni jew kanċellazzjoni;
 - (g) l-għadd ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni stabbiliti f'dawn l-aħħar 12-il xahar;
 - (h) l-ammont ta' CO₂ maħżun b'mod permanenti taħt l-art skont id-Direttiva 2009/31/KE.
3. Id-*data* għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni mitluba fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-2021-2030.

4. L-ewwel rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru fl-aħħar ta' Mejju tas-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Ir-rapporti li ġejjin għandhom jintbagħtu sal-aħħar ta' Mejju ta' kull sena.
5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-*data* miġbura skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu lill-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali u lill-Eurostat għall-finijiet tal-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-istatistika f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁶. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità nazzjonali responsabbli għat-trażmissjoni tad-*data* lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u lill-Eurostat.
6. Abbażi tar-rapporti ppreżentati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1(a) u tippubblika rakkomandazzjonijiet relatati fuq bażi annwali bħala parti mir-Rapporti Annwali dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa, skont l-Artikolu 35(2)(m) tar-Regolament (UE) 2018/1999.
7. Abbażi tal-abbozzi tal-applikazzjonijiet għall-permessi sottomessi skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/31/KE u abbażi tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikoli 17(2) u 18(4) u 18(6) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ imsemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu u għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Kapitolu IX.

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 32

Delega ta' setgħat

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 biex temenda l-modalitajiet li bihom jitqiesu l-ftehimiet bejn l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 18(1) u l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin miżmuma minn partijiet terzi biex iwettqu l-kontribut individwali tagħhom stabbilit fl-Artikolu 18 (5), kif ukoll il-kontenut tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 18(6).

Artikolu 33

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

⁷⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 32 għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-applikazzjoni]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħat sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 32 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 32 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 34

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

Artikolu 35

Evalwazzjoni

1. Sa...[3 snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,] u kull 3 snin sussegwenti, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta jekk l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament kif stabbiliti fl-Artikolu 1 ntlaħqux u l-impatt tiegħu fuq l-utenti kummerċjali, speċjalment l-SMEs, u l-utenti finali, u l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
3. L-evalwazzjoni għandha tqis ir-riżultat tal-proċess ta' monitoraġġ kif deskritt fl-Artikolu 31.
4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kull informazzjoni rilevanti li jkollhom u li l-Kummissjoni tista' tirrikjedi bl-iskop li jitħejja r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 36

Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. L-informazzjoni miksuba matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tiġi protetta mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali u professjonali u informazzjoni sensittiva, kunfidenzjali u klassifikata oħra miksuba u ġġenerata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi rakkomandazzjonijiet u miżuri li għandhom jittieħdu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali rispettiva.
3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.
4. Jekk Stat Membru jivvaluta li l-preżentazzjoni ta' informazzjoni aggregata fil-kuntest tal-Artikolu 18 tista' madankollu tikkomprometti l-interess tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, huwa jista' joġġezzjona għall-preżentazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' avviż ġustifikat.
5. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, l-uffiċjali, l-impjegati tagħhom u persuni oħra li jaħdmu taħt is-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba fit-tweġġ tal-kompiti u l-attivitajiet tagħhom. Dan l-obbligu japplika wkoll għar-rappreżentanti kollha tal-Istati Membri, għall-osservaturi, għall-esperti u għal parteċipanti oħra li jattendu l-laqgħat tal-Pjattaforma skont l-Artikolu 29.

Artikolu 37

Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724

Ir-Regolament (UE) 2018/1724 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Anness I, fl-ewwel kolonna, tiżdied ringiela ġdida “R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti”.
- (2) fl-Anness I, fit-tieni kolonna, fir-ringiela “R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti”, jiżdied il-punt li ġej:
 - “1. informazzjoni dwar il-proċess għall-ġoti ta' permessi”
 - “2. servizzi ta' finanzjament u investiment”
 - “3. possibbiltajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri”

“4. servizzi ta’ appoġġ għan-negozju, inklużi iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali, il-liġi tax-xogħol”.

(3) fl-Anness II, fl-ewwel kolonna, tiżdied ringiela ġdida “Proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti”.

(4) fl-Anness II, fit-tieni kolonna, fir-ringiela “Proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti”, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“Proċeduri għall-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-ippjanar, il-bini, l-espansjoni u t-tħaddim ta’ proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti, inklużi permessi għall-bini, permessi għall-konnessjoni kimika u mal-grilja u valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn dawn ikunu meħtieġa, u li jinkludu l-applikazzjonijiet u l-proċeduri amministrattivi kollha”.

(5) fl-Anness II, fit-tielet kolonna, fir-ringiela “proġetti ta’ manifattura b’emissjonijiet żero netti”, jiżdied il-punt li ġej:

“L-outputs kollha li jappartjenu għall-proċeduri li jvarjaw mir-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli”.

(6) fl-Anness III, jiżdied il-punt li ġej:

“(8) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu bħala punt uniku ta’ servizz skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [NZIA].”

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ...[l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Dan għandu japplika mid-[data tad-dħul fis-seħħ]. Sa [sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament], l-Artikolu 19(2)(a), (b) u (c) għandu japplika biss għal kuntratti konklużi minn korpi ċentrali għall-akkwisti kif definit fl-Artikolu 2(1)(16) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 2(1)(12) tad-Direttiva 2014/25/UE u għal kuntratti ta’ valur ugwali għal jew ogħla minn EUR 25 miljun.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet**
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
 - 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq uniku
Patt Ekoloġiku Ewropew
Ewropa Lesta għall-Era Diġitali
Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- ☒ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁷⁷
- ☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku jistabbilixxi approċċ komprensiv biex tiġi appoġġata ż-żieda fit-teknoloġija tal-enerġija nadifa, li huwa mibni madwar erba' pilastru. L-ewwel pilastru, li huwa l-fokus ta' dan l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, għandu l-għan li joħloq ambjent regolatorju li jissimplifika u jħaffef l-għoti ta' permessi għal siti ġodda ta' produzzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u jiffaċilita l-espansjoni tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet żero netti.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu l-għan li jżid ir-reżiljenza tal-Unjoni u jiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll li jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija.

L-objettiv ġenerali tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, li jiġu appoġġati l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni għall-2030 u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta jissarraf l-ewwel permezz tal-objettiv li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-installazzjoni tal-kapaċità tal-manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.

⁷⁷

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għaż-żieda tal-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u għat-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għal tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti fuq livell globali, filwaqt li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluż billi jiġu dekarbonizzati l-industriji tqal.

Ir-Regolament fih miżuri biex jintlaħaq objettiv speċifiku li jiġi żgurat li, sal-2030, il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-approċċi tal-Unjoni kważi tilħaq jew tilħaq valur referenzjarju ta' mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet ta' użu annwali tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u mal-enerġija.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu l-għan li jżid il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u li jżid il-kompetittività tal-bażi industrijali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. B'riżultat ta' dan, din l-inizjattiva se ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-sistema tal-enerġija dekarbonizzata futura tagħna.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu l-għan li jindirizza l-ixprunaturi ewlenin li ġejjin ta' investimenti fil-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti:

- it-titjib taċ-ċertezza tal-investment, tal-enfasi tal-politika u tal-koordinazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' objettivi ċari u mekkaniżmi ta' monitoraġġ;
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi u l-iffaċilitar tal-għoti ta' permessi, l-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u l-iżgurar tal-aċċess għall-informazzjoni;
- l-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq permezz ta' miżuri speċifiċi relatati mad-domanda pubblika permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u rkantijiet, kif ukoll permezz ta' skemi li jappoġġaw id-domanda privata mill-konsumaturi;
- l-iffaċilitar u l-permessi ta' proġetti għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju, inkluż billi tittejjeb id-disponibbiltà tas-siti tal-ħżin tas-CO₂;
- l-appoġġ għall-innovazzjoni, inkluż permezz ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja;
- it-tisħiħ tal-ħiliet għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u b'hekk jiġi promoss il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità;
- il-koordinazzjoni ta' sħubijiet industrijali b'emissjonijiet żero netti.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-Regolament jipprevedi pilastru ddedikat għall-monitoraġġ tal-inizjattiva. Il-kooperazzjoni msaħħa fl-Unjoni Ewropea se tiżgura l-ġbir ta' informazzjoni u *data* meħtieġa u komparabbli.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi u x-xejriet fl-ilħuq tal-oġġettivi rispettivi għall-manifattura tat-teknoloġija tal-UE b'emissjonijiet żero netti tal-Att. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-output, ir-riżultati u l-impatt tal-inizjattiva wara 3 snin. Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni se jiġu ppreżentati f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Ir-rapport se jiġi ppubblikat ukoll.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament bi programm ta' monitoraġġ li jistabbilixxi l-mezzi u l-intervalli tal-għbir tad-*data*.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi tat-teknoloġija, ix-xejriet tas-suq u l-kompetittività tat-teknoloġiji tal-UE b'emissjonijiet żero netti, u l-impatt ta' dan ir-Regolament. Ir-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u r-rakkomandazzjonijiet relatati se jiġu ppubblikati fuq bażi annwali bħala parti mir-Rapporti Annwali dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri fir-rigward ta' sorveljanza akbar fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott biex tiżgura li l-prodotti li huma konformi mal-leġislazzjoni tal-Unjoni biss jitqiegħdu fis-suq, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi kemm internament kif ukoll globalment.

Sabiex tintlaħaq il-mira għall-kapaċità annwali tal-injezzjoni fis-siti tal-ħżin tas-CO₂, il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ u tirrapporta kull sena.

Il-miri stipulati hawn fuq se jiġu vvalutati mill-ġdid u l-Kummissjoni, meġġuna mill-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti fuq bażi regolari, se timmonitorja l-progress. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti se timmonitorja l-prestazzjoni u tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti se jkollha rwol importanti fil-għbir tal-evidenza mill-industrija u mill-Istati Membri tal-UE, u għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-appoġġ ta' politika għall-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti se jkollha wkoll rwol importanti fil-monitoraġġ tat-titjib tal-ħiliet permezz tal-monitoraġġ tal-Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti u l-valutazzjoni tad-domanda u l-provvista ta' forza tax-xogħol bis-settijiet ta' ħiliet meħtieġa f'industriji b'Emissjonijiet Żero Netti.

L-iżviluppi li ġejjin jistgħu jitkejlu wkoll fl-industriji b'emissjonijiet żero netti bħala parti mill-eżerċizzju ta' monitoraġġ lil hinn mill-impenn ta' monitoraġġ ewleni mill-pjattaforma:

- L-għadd ta' entitajiet ġuridiċi involuti (suddiviżi skont id-daqs, it-tip u l-pajjiż ta' stabbiliment) fl-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva.
- L-ammont totali ta' investiment f'industriji b'emissjonijiet żero netti, inkluż l-ingranaġġ ta' finanzjament kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat investit.
- L-ammont ta' investiment mill-kumpaniji, filwaqt li jitqies is-segment tal-katina tal-valur li joperaw fih.
- Il-monitoraġġ tad-*data* dwar l-evoluzzjoni tal-proġetti, id-domanda u l-iżviluppi fil-provvista.
- L-offerti mogħtija abbażi ta' kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema.

- Il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet mill-Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti kif appoġġati mill-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, inkluż l-ġhadd ta' studenti u investimenti relatati. Il-monitoraġġ tal-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali f'industriji b'emissjonijiet zero netti u l-karatteristiċi ewlenin tal-kwalità tagħhom, inkluż fir-rigward tal-paġi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u r-relazzjonijiet industrijali.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli bis-sħiħ f'tit wara l-adozzjoni tiegħu, jiġifieri fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, l-elementi inizjali se jkun f'is-seħħ qabel, bħall-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, li ġiet stabbilita f'Novembru 2022. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jiddefinixxi aktar l-istruttura ta' tmexxija tal-pjattaforma.

Jistgħu jiġu adottati atti delegati wara valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti u konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu riflessi l-bidliet teknoloġiċi u l-iżviluppi tas-suq, konsistenti mal-oġġettivi u l-kriterji tal-Inizjattiva.

Il-ġbir ta' informazzjoni minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa għandu diġà jkun għaddej u l-Istati Membri diġà ddiskutew għadd ta' miżuri possibbli mal-Kummissjoni biex jappoġġaw it-teknoloġija nadifa u l-industriji b'emissjonijiet zero netti fl-Ewropa u jwettqu monitoraġġ tal-ktajjen tal-valur tagħhom.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri, li l-ewwel wieħed minnhom huwa magħmul minn din l-inizjattiva, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Dan l-Att qed jolq ambjent regolatorju b'għoti simplifikat u rapidu ta' permessi għal siti ta' produzzjoni ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija nadifa u jiffaċilita ż-żieda tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet zero netti.

Iż-żieda fl-użu tal-enerġija nadifa u tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti hija essenzjali biex tgħin lill-UE tilħaq l-oġġettiv tagħha li tilħaq l-impenji tagħha għall-Pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 % għal UE newtrali għall-klima sal-2050. It-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli hija kruċjali wkoll biex tiżgura lill-UE provvista stabbli tal-enerġija li se tappoġġa l-industrija tagħha u fl-aħħar mill-aħħar ir-rwol tagħha fl-iżgurar tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri. B'hekk din tikkontribwixxi għall-isforz tal-UE lejn Awtonomija Strateġika Miftuħa.

Fl-aħħar sena, l-Ewropa rat tfixkil fil-ktajjen tal-provvista għall-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, li jikkawża nuqqasijiet f'diversi setturi ekonomiċi u konsegwenzi potenzjalment serji għas-soċjetà.

Fl-ekosistema tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, hemm relattivament f'tit diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista u għal xi prodotti dipendenza għolja fuq l-esportazzjonijiet ta' pajjiżi terzi. L-ishma mis-suq tal-industrija tal-UE jinsabu taħt

pressjoni qawwija, minħabba sussidji f'pajjiżi terzi li jimminaw kundizzjonijiet ekwi. Din l-inizjattiva se tippermetti kundizzjonijiet favorevoli permezz ta' għadd ta' miżuri bħal skedi ta' żmien iqsar għall-għoti tal-permessi u żieda fid-domanda pubblika. Dan se jgħin lill-industriji fl-Ewropa jattiraw il-finanzjament għall-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Iż-żieda fl-investimenti fil-manifattura Ewropea tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti hija kruċjali għall-istabbiliment ta' bażi industrijali solida għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom madwar l-UE.

L-għan ma huwiex biss li jitnaqqsu d-dipendenzi, iżda wkoll li jiġu sfruttati l-opportunitajiet ekonomiċi li jirriżultaw mis-suq globali għal teknoloġiji tal-industrija b'emissjonijiet zero netti li huwa mistenni jilħaq valur annwali ta' madwar EUR 600 biljun fis-sena sal-2030 skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta. Barra minn hekk, l-Att se jżid il-kompetittività tal-ekosistema industrijali Ewropea b'emissjonijiet zero netti u tal-industrija Ewropea b'mod ġenerali, permezz tal-provvista ta' prodotti innovattivi għaċ-ċittadini Ewropej. L-Unjoni għandha l-assi biex issir mexxejja industrijali fis-suq tal-enerġija nadifa u tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti tal-futur.

Barra minn hekk, din l-azzjoni fil-livell tal-UE tipprevjeni l-frammentazzjoni bejn is-27 approċċ regolatorju u se tiffaċilita l-kisba tal-ambizzjonijiet klimatiċi fil-livell tal-UE.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhod*

Il-Komunikazzjoni: Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti ta' Jannar 2023 jistabbilixxi għaliex hemm bżonn ta' rispons Ewropew konġunt b'saħħtu biex tingħata spinta lill-industrija b'emissjonijiet zero netti. L-ewwel nett, bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni tipproponi li tressaq Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti biex tirted il-kompetittività industrijali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-UE.

Il-punt tat-tluq tal-Pjan huwa l-ħtieġa li l-iżvilupp teknoloġiku, il-produzzjoni tal-manifattura u l-installazzjoni ta' teknoloġiji tal-industrija b'emissjonijiet zero netti jiżdiedu b'mod massiv fid-deċennju li ġej, u l-valur miżjud ta' approċċ mifruq mal-UE biex din l-isfida tiġi indirizzata flimkien. Dan qed isir aktar diffiċli minħabba l-kompetizzjoni globali għall-materja prima u l-persunal imħarreġ. Il-Pjan għandu l-għan li jindirizza din id-dikotomija billi jiffoka fuq l-oqsma fejn l-Ewropa tista' tagħmel l-akbar differenza. Barra minn hekk jipprova jevita r-riskju li d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi tiġi sostitwita b'dipendenzi strateġiċi oħra li jistgħu jimpedixxu l-aċċess tagħna għal teknoloġiji u inputs ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, permezz ta' taħlita ta' diversifikazzjoni u żvilupp u produzzjoni fl-Ewropa stess. Il-Pjan se jikkomplementa l-isforzi kontinwi biex l-industrija tiġi ttrasformata skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Industrijali tal-UE, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari. L-immodernizzar u d-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija jibqgħu wkoll prijorità ewlenija, kif ukoll l-iżgurar ta' tranżizzjonijiet tal-impjiegi u ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni.

Tradizzjonalment l-UE straħet fuq ambjent regolatorju b'saħħtu biex tistabbilixxi kundizzjonijiet favorevoli għan-negozju, biex tipprovdi impjiegi ta' kwalità għall-forza tax-xogħol tagħna u għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali. Jekk ir-regolamentazzjoni tkun ibbilanċjata u mfassla b'mod intelliġenti, li teħtieġ attenzjoni

kontinwa, dawn it-tliet dimensjonijiet jistgħu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni introduċiet “kontroll tal-kompetittività” fuq ir-regolament il-ġdid kollu biex tiżgura li jiġu indirizzati l-impatti potenzjali kollha fuq il-kompetittività. Ambjent regolatorju sempliċi, prevedibbli u ċar huwa essenzjali biex jiġi promoss l-investiment.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet biex jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet għat-trawwim tal-investiment għall-katina tal-provvista tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-UE. Dawn l-attivitajiet se jiffukaw b'mod partikolari fuq l-aċċellerazzjoni tal-investiment fi Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti.

Il-Pjattaforma tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw il-konġestjonijiet u l-aħjar prattiki potenzjali, b'mod partikolari abbażi ta' skambji regolari mal-alleanzi industrijali rilevanti, bħall-alleanzi dwar il-batteriji, dwar il-pannelli solari, u s-Sħubija għall-Elettrolizzaturi.

L-inizjattiva għandha l-għan li tappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' fondi li jaqgħu taħt it-titoli li ġejjin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali:

Intestatura 1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali: Titolu 2: Investimenti Strateġiċi Ewropej

_ Il-Fond InvestEU

Intestatura 1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali: Titolu 3: Suq Uniku

_ Il-Programm tas-Suq Uniku

Intestatura 2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri: Titolu 5: Żvilupp u Koeżjoni Reġjonali

_ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

Intestatura 2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri: Titolu 6 Irkupru u Reżiljenza

_ Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Intestatura 2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri: 7 Investiment fin-Nies, Koeżjoni Soċjali u Valuri

_ Il-Fond Soċjali Ewropew

Intestatura 3 Riżorsi Naturali u l-Ambjent: Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni dwar il-Klima

_ Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Taħt in-NextGenerationEU, is-27 pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) diġà joffru EUR 250 biljun għal miżuri ekoloġiċi, inklużi investimenti li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Orizzont Ewropa jiddedika EUR 40 biljun għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, anke fi sħubija mal-industrija. Il-politiki ta' koeżjoni joffru madwar EUR 85 biljun għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-mobilizzazzjoni rapida tal-investimenti ta' Koeżjoni b'appoġġ għall-Pjan Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, inkluż billi tħaffef it-tfassil u r-rimborżi tal-effiċjenza enerġetika u tal-proġetti rinnovabbli permezz ta' skemi ta' rimborż standardizzati. Sal-lum, dawn is-sorsi ta' finanzjament tal-UE kienu aktar ta' benefiċċju għar-riċerka

u l-innovazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastrutturi relatati milli għall-immirar tal-kapaċità tal-manifattura fis-settur. Il-finanzjament għall-ktajjen tal-valur industrijali b'emissjonijiet zero netti jista' jżied fl-iskala u fil-veloċità. Iżda biex jiġi evitat li s-Suq Uniku jiġi frammentat minħabba livelli differenti ta' appoġġ nazzjonali – u kapaċitajiet differenti biex jingħata tali appoġġ – jeħtieġ ukoll li jkun hemm finanzjament adegwat fil-livell tal-UE biex il-prosperità ta' tali ktajjen tal-valur industrijali tiġi ffaċilitata madwar l-Unjoni kollha kemm hi.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

L-inizjattiva taqa' taħt il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku li jistabbilixxi appoġġ għall-industrija Ewropea b'emissjonijiet zero netti. L-għażliet ta' finanzjament stabbiliti fit-taqsimma ma humiex dipendenti fuq il-proposta, iżda jistgħu jitwettqu abbażi ta' leġislazzjoni li kienet teżisti qabel marbuta ma' din il-proposta.

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-Ewropa b'emissjonijiet zero netti u li tappoġġa t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Il-Pjan għandu l-għan li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar it-tkabbir tal-kapaċità industrijali tal-UE għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Ewropa. Il-pjan jibni fuq inizjattivi preċedenti u jiddependi fuq il-punti b'saħħithom tas-Suq Uniku tal-UE, filwaqt li jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew li jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tagħna billi jibni Ewropa aktar ġusta, ekoloġika u aktar diġitali. Dan jissupplimenta wkoll l-isforzi fl-ambitu ta' REPowerEU li kien ir-rispons tal-UE għad-diffikultajiet u t-tfixkil globali fis-suq tal-enerġija kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, bil-għan li tiġi ttrasformata s-sistema tal-enerġija tal-Ewropa billi tintemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi u tiġi indirizzata l-kriżi klimatika. B'mod ġenerali, dan se jirriżulta f'żieda fl-iffrankar tal-enerġija, fid-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, u fit-tnedija aċċellerata tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Fil-pjan, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippermetti aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jagħtu għajjnuna mill-Istat limitata għal żoni definiti bir-reqqa u fuq bażi temporanja. Fir-rigward tal-għajjnuna mill-Istat, il-pjan jispjega li l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tipprovdi għodod biex tappoġġa l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ewlenin mill-aktar avvanzati, inkluż it-taħriġ, li huma strateġiċi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tippreserva l-integrità tas-suq Uniku u tirrispetta l-obbligi internazzjonali tal-UE.

Il-Kummissjoni se tikkonsulta mal-Istati Membri dwar proposta biex tadatta r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fuq bażi temporanja, sa tmiem l-2025, biex tkompli tħaffef u tissimplifika proċeduri aktar sempliċi, u approvazzjonijiet aċċellerati permezz ta' kalkoli aktar sempliċi. Dawn il-bidliet se jassistu wkoll lill-Istati Membri fit-twettiq ta' proġetti speċifiċi fl-ambitu tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rkupru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Il-pjan jispjega wkoll li, sabiex titħaffef l-introduzzjoni ta' proġetti ġodda, l-approvazzjoni ta' proġetti relatati mal-IPCEI se tiġi ssimplifikata aktar.

Hemm għadd ta' strumenti li huma marbuta mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u li jistgħu jitwettqu abbażi tal-leġislazzjoni eżistenti.

InvestEU

Il-programm InvestEU jinsab f'pożizzjoni tajba biex jagħti spinta lill-investimenti b'emissjonijiet żero netti fl-UE. InvestEU huwa l-istrument tal-Unjoni għall-katalizzazzjoni tal-investimenti privati fl-oqsma ta' priorità tal-UE. Permezz tal-BEI, il-FEI, il-BERŻ u 14-il sieħeb ta' implimentazzjoni ieħor, l-UE tappoġġa investimenti pubbliċi u privati f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u innovazzjoni industrijali.

Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-iżvilupp u l-użu tal-ewwel tat-tip ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet li jiddekarbonizzaw l-industrija intensiva fl-enerġija, jagħtu spinta lill-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija (inklużi l-batteriji u l-idroġenu) u jsaħħu l-ktajjen tal-provvista b'emissjonijiet żero netti billi jappoġġaw il-manifattura ta' komponenti kritiċi għall-batteriji, l-enerġija eolika u solari, l-elettrolizzaturi, iċ-ċelloli tal-fjuwil u l-pompi tas-sħana.

Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)

L-IPCEIs jistgħu jirrappreżentaw kontribut importanti għall-ilħuq tal-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-effetti konsegwenzjali pożittivi tagħhom. L-IPCEIs jistgħu jagħmluha possibbli li jitlaqqgħu flimkien l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati madwar l-Unjoni, sabiex jingħelbu nuqqasijiet importanti tas-suq jew sistemiċi u sfidi tas-soċjetà li ma setgħux jiġu indirizzati mod ieħor.

Fond Ewropew għas-Sovranità

Fuq terminu ta' żmien medju, il-Kummissjoni beħsiebha tagħti tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment, billi tipproponi Fond Ewropew għas-Sovranità fil-kuntest tar-rieżami tal-qafas finanzjarju Pluriennali qabel is-sajf tal-2023. Għalhekk il-Kummissjoni qed tivvaluta kif il-finanzjament kumplessiv għal InvestEU jista' jżidied, b'mod partikolari għall-perjodu li jkopri l-2024 sal-2027.

Sabiex jitnaqqas id-distakk fl-investiment għat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti, dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jattiraw finanzjament privat biex jikkomplementaw l-ilħuq tal-miri.

Kif spjegat hawn taħt, l-implimentazzjoni ta' din il-biċċa leġiżlazzjoni se teħtieġ riżorsi umani addizzjonali u wkoll xi nefqa ta' appoġġ.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

☐ durata limitata

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁷⁸

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jiġu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jiġu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

⁷⁸

Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva tinkludi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. Il-Kummissjoni se tevalwa l-output, ir-riżultati u l-impatt ta' din il-proposta 3 snin wara d-data meta ssir applikabbli. Sabiex iwettqu l-evalwazzjoni, il-Pjattaforma Ewropea għal Emissjonijiet Żero Netti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni fuq talba tagħha.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-mod ta' ġestjoni għall-inizjattiva hu l-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkun meġhuna mill-korp ta' tmexxija, li huwa l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati. Fil-qosor, l-inizjattiva tirrikjedi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

B'mod ġenerali, l-inizjattiva teħtieġ nefqa fuq il-persunal, infiq għall-istudji u r-riċerka, finanzjament tal-bidu biex jiġu appoġġati l-ħolqien u l-funzjonament ta' Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti u arranġamenti amministrattivi oħrajn. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

Il-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-inizjattiva jsegwu proċeduri standard għall-akkwist ta' appoġġ tekniku, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati u bl-adozzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja. Ir-riskju prinċipali, li diġà rajna fil-passat, hu riżorsi umani insuffiċjenti biex jiġu implimentati l-pjanijiet ta' ħidma.

Ma' din il-proposta ma ġietx meħmuża valutazzjoni tal-impatt formali. Meta titqies l-urġenza li tittieħed azzjoni għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, ma setgħetx issir valutazzjoni tal-impatt fiż-żmien disponibbli qabel l-adozzjoni tal-proposta. L-analiżi hija stabbilita fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar "Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment u disponibbiltajiet ta' finanzjament biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti" li jakkumpanja din il-proposta. It-tnejn ta' din l-inizjattiva kienet tinkludi konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati u kuntatti fit-tul u regolari mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri u mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali ppermettew il-ġbir ta' ammont ġust ta' informazzjoni u feedback rilevanti għall-proposta. Minkejja l-kunsiderazzjoni tal-input rilevanti għall-għażliet ta' politika tal-proposta, il-konsegwenzi u l-impatti mhux intenzjonati ta' din l-inizjattiva xorta jistgħu jseħħu fil-futur. Il-Kummissjoni beħsiebha tidentifika dawn hekk kif iseħħu permezz tal-proċeduri ta' monitoraġġ robusti stabbiliti fir-Regolament u se tindirizza kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata b'mezzi u azzjonijiet xierqa.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ errur (mal-ħlas u fl-ġħeluq)*

B’mod ġenerali, l-inizjattiva tirrikjedi n-nefqa tal-persunal, possibbilment l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta’ nefqa.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta’ ġestjoni jiġu applikati mill-Pjattaforma għal Ewropa b’Emissjonijiet Żero Netti bħala l-korp ta’ tmexxija.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun fis-seħħ miżuri xierqa sabiex, meta jiġu implimentati azzjonijiet ifffinanzjati skont l-atti rilevanti, filwaqt li jitqies l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz tal-applikazzjoni ta’ miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta’ kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta’ penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa tal-awditjar, abbażi ta’ dokumenti u kontrolli fuq il-post, relatati mal-Programm. L-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) jista’ jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati b’mod dirett jew indirett permezz ta’ dak il-finanzjament f’konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament 883/2013 bil-għan li jkun stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b’rabta ma’ ftehim ta’ għotja jew deċiżjoni ta’ għotja jew kuntratt li jirrigwarda l-finanzjament mill-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom bżonn ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta’ Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF). L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista’ jwettaq investigazzjonijiet f’konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/193923, bil-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁷⁹	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁸⁰	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali ⁸¹	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
1	03.02.01.01	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
1	03.02.02.00	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
1	01.02.02.54	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor

⁷⁹ Diff. = Appropjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropjazzjonijiet mhux differenzjati.

⁸⁰ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁸¹ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	
--	--------------	--

DĠ: GROW			Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali											
Linja baġitarja ⁸² 03.020101 - Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern tal-oġġetti u tas-servizzi	Impenji	(1a)		0,180	0,180	0,180	0,180				0,720
	Pagamenti	(2a)		0,060	0,180	0,180	0,180	0,120			0,720
Linja baġitarja 03.02.02.00 – Pilastru tal- SMEs tal-Programm tas-Suq Uniku	Impenji	(1b)	2,500								2,500
	Pagamenti	(2b)	0,500	2,000							2,500
Linja baġitarja 01 02 02 54 - Impriża Konġunta Idroġenu Nadif	Impenji	(1b)	3,000								3,000
	Pagamenti	(2b)	0,750	2,250							3,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill- pakkett ta' programmi speċifiċi ⁸³											
Linja baġitarja		(3)									
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1a+1b	5,500	0,180	0,180	0,180	0,180				6,220

⁸² Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

⁸³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

għad-DĠ GROW		+3									
	Pagamenti	=2a+2b +3	1,25	4,310	0,180	0,180	0,180	0,120			6,220

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	5,500	0,180	0,180	0,180	0,180			6,220
	Pagamenti	(5)	1,250	4,310	0,180	0,180	0,180	0,120		
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)								
Total tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	5,500	0,180	0,180	0,180	0,180			6,220
	Pagamenti	=5+6	1,250	4,310	0,180	0,180	0,180	0,120		6,220

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)								
Total tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATORI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6								
	Pagamenti	=5+6								
	Pagamenti	=5+6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	--------------------------------

Din it-taqsimha jenħtieġ li timentla billi tintuża d-*“data baġitarja ta’ natura amministrattiva”* li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsimha tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: GROW										
• Riżorsi umani			0,513	0,513	0,513	0,513	0,513			2,565
• Nefqa amministrattiva oħra			0,025	0,025	0,025	0,025	0,025			0,125
TOTAL TAD-DĠ GROW	Appropriazzjonijiet		0,538	0,538	0,538	0,538	0,538			2,69

		Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: ENER										
• Riżorsi umani			0,513	0,513	0,513	0,513	0,513			2,565
• Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL TAD-DĠ ENER	Appropriazzjonijiet		0,513	0,513	0,513	0,513	0,513			2,565

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)		1,051	1,051	1,051	1,051	1,051			5,255
--	--	--	-------	-------	-------	-------	-------	--	--	-------

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2023	Sena 2024 ⁸⁴	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
Total tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	5,500	1,231	1,231	1,231	1,231	1,051			11,457
	Pagamenti	1,250	5,361	1,231	1,231	1,231	1,171			11,457

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l- objettivi u l- outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ⁸⁵	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁸⁶ ...																		
- Eżitu																		
- Eżitu																		
- Eżitu																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		

⁸⁴ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

⁸⁵ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁸⁶ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ...”

- Eżitu																	
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																	
TOTALI																	

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2023	Sena 2024 ⁸⁷	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	--------------	----------------------------	--------------	--------------	--------------	---	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Riżorsi umani		1,026	1,026	1,026	1,026	1,026			5,13
Nefqa amministrattiva oħra		0,025	0,025	0,025	0,025	0,025			0,125
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		1,051	1,051	1,051	1,051	1,051			5,255

Barra mill- INTESTATURA 7⁸⁸ tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Riżorsi umani									
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva									
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Barra mill- INTESTATURA 7⁸⁹ tal-qafas finanzjarju pluriennali									

⁸⁷ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

⁸⁸ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

⁸⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Riżorsi umani									
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva									
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali									
TOTAL		1,051	1,051	1,051	1,051	1,051		5,255	

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)						
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		6	6	6	6	6
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)						
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)						
01 01 01 11 (Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) ⁹⁰						
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")						
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 xx yy zz ⁹¹	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL		6	6	6	6	6

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	It-tliet uffiċjali tad-DĠ GROW previsti skont dan l-Att se jkunu responsabbli għall-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti. Ir-responsabbiltajiet tal-Pjattaforma huma stabbiliti fl-Att. Dan se jrawwem l-isforz tal-miżuri taħt din l-inizjattiva u se jinjora u jimmonitorja l-iżviluppi tal-bażi tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. It-tliet uffiċjali mid-DĠ ENER se jipparteċipaw fil-ħidma tal-Pjattaforma, jipprovdu feedback dwar il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti u jappoġġaw il-monitoraġġ tal-Att permezz tar-Rapporti Annwali dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa.
Persunal estern	

⁹⁰ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondarju; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁹¹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjega l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprova tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ⁹²	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

⁹² Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁹³						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

⁹³

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

